Diċembru 2008 • Vol 15 • Nru.4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- San Mikiel - Protettur Universali tal-Korpi Pulizjeski
- Let's be proud, Let's walk tall
- L-Aġenzija Frontex u l-Project Konġunt Nautilus III (2008)

*u aktar...*

**Newspaper Post**

# "The greatest wealth is health."

*Virgil*

NEW AFFORDABLE HEALTHCARE OPTIONS



**Middlesea Health**

Middlesea Health's new health insurance schemes are now offering you more choice and more flexibility at affordable prices. Make a healthy decision today for you and your loved ones. Contact us today for more information.

FREEPHONE:

**8007 2278**

Middle Sea House | Floriana FRN 1442 | Malta | T: +356 2124 6262

F: +356 2124 8195 | E: health@middlesea.com

www.middlesea.com

**Middlesea Insurance p.l.c.**

*Your World of Quality Insurance*

Middlesea Insurance p.l.c. is authorised by the Malta Financial Services Authority to carry on both Long Term and General Business under the Insurance Business Act, 1998.

COM 130308G

Diċembru 2008 • Vol 15 • Nru.4

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Mr. Joseph Borda

**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters, Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN




**Ritratt:**
Alto relief ta' San Mikiel fil-bitħa tad-Depot

Ir-ritratt gie meħud minn Ps516 Alfio Borg

# Werrej

**Diċembru 2008** • VOLUM 15 • NRU. 4













5 Editorjal

7 Messaġġ minn Dott. Carmelo Mifsud Bonnici

9 Awgurju mill-Kummissarju s-Sur John Rizzo

11 Ħarifa imqanqla b'taqtiegħ il-qalb. X'tagħmel l-MPA għalina

19 Xogħol ta' volontarjat minn membru tal-Korp ġewwa r-Razzett tal-Ħbiberija

21 Il-Gvernatur Ġenerali tal-Awstralja

22 San Mikiel - protettur universali tal-korpi pulizjeski

27 Let's be proud, let's walk tall

29 L-Aġenzija Frontex u l-proġett konġunt Nautilus III (2008)

33 Leadership Academy ta' Hendon

35 Drinn Drinn - 18

37 Il-Banda tal-Korp tal-Pulizija

39 20 Anniversarju tal-Precision Drill Team tal-Korp tal-Pulizija 1988-2008

44 Apprezzamenti

49 Mill-Imgħoddi - It-tim tal-futbol tal-Pulizija

50 Paġna Sportiva

53 Meta mmutu nibdew ngħixu l-vera ħajja

55 Għotja ta' flus mill-Korp tal-Pulizija

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Il-Membri tal-Korp li Mietu




see it



own it



love it

# Flexicredit

We all have our wishes and needs, during different stages in our lives. HSBC is here to help us realise our dreams, whatever they may be.

With our Flexicredit loan, you can borrow between €600 and €60,000 and repay over a maximum term of 5 years, and in most cases, you'll have your loan within an hour. So whether you're buying a car, going on a holiday or buying new furniture for your home, **speak to us first.**

Terms and conditions apply.

Call us 2380 2380
Click on hsbc.com.mt
Come in to your local branch

HSBC
The world's local bank

*Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 233, Republic Street, Valletta VLT1116*

# Editorjal

Erġajna wasalna fl-aħħar ħarġa tal-Magazine għal din is-sena. Qed nuża' l-kelma erġajna għax din is-sena għaddiet bħal ħolma. Bħala Korp konna nvoluti f'ħafna affarijiet, iżda għal grazzja t'Alla kollha għaddew b'wiċċ il-ġid u dan ġara biss għax kull membru wera' li huwa lest għal kull esiġenza li l-Korp isejjaħlu għaliha.

F'dawn il-ġranet, meta kulħadd ikun qiegħed jipprepara biex jara kif ser iqatta' ż-żmien tal-festi mal-familja, il-preparazzjoni tagħna l-Pulizija tkun b'differenza. Pero' l-preparazzjoni tagħna hija waħda iktar importanti – dik li nħarsu liċ-ċittadin u naraw li ħadd ma jtellef il-festi ta' ħadd. Nista' ngħid li f'dawn il-ġranet l-Uffiċju tagħna jkun miżgħud b'telefonati ta' tifħir u ringrazzjamenti lejn il-membri kollha tal-Korp li jkunu xogħol f'dawn iż-żminijiet – żminijiet meta ħaddieħor ikun qiegħed jiddeverti u forsi aħna nkunu fl-akar post remot.

F'mumenti bħal dawn toħroġ il-qalb umana tagħna l-Pulizija li għalkemm kulħadd jixtieq ikun mal-familjari tiegħu, xorta qed naffrontaw sidirna għal dak kollu li jiġi għalina, u dan isir b'responsabbilta', integrita' u dixxiplina. Ħafna ma jindunawx li ġest bħal dan ikun ifisser ħafna għal dawk li b'xi mod jew ieħor huwa inqas ixxurtjat minnha.

F'isem il-Bord Editorjali nixtiequ lilkom u l-familjari tagħkom Milied hieni u Sena mimlija risq, hena u kuntentizza.





GASAN
GROUP OF COMPANIES
**Gasan Automotive Centre,**
Mriehel Bypass, Mriehel BKR3000
Tel: 27442030 Fax: 27442007
e-mail: automotive@gasan.com
website: www.gasan.com


THE DISTANCE BETWEEN GOOD & GREAT
KEEP WALKING
JOHNNIE WALKER.
DRINK RESPONSIBLY



# Messaġġ lill-Pulizija mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dott Carmelo Mifsud Bonniċi

Huwa privileġġ għalija li nindirizza lilkom f'dawn il-kelmtejn f'din il-pubblikazzjoni għall-ewwel darba minn meta lħaqt Ministru responsabbli għall-Pulizija.

Iż-żmien tal-festi qiegħed magħna. Dan huwa mument ta' għaqda bejnietna bħala poplu, żmien li jgħatina opportunità biex inħarsu lura u naraw x'għamilna fl-aħħar tnax–il xahar - kemm dak li sar tajjeb, kif ukoll dak li seta jsir aħjar. Barra minhekk nistgħu nappreżżaw kemm ħidmietna hija importanti fis-soċjetà għax mingħajr il-ġustizzja ma nimxux.

M'hemmx dubju li l-aħħar sena kienet impenjattiva ħafna għall-Korp, l-aktar f'dak li hu xogħol relatat maż-żamma ta' l-ordni u l-ħidma għall-ġid tas-soċjetà. Kienet sena li matulha l-Korp ħabbat wiċċu ma' sfidi straordinarji fosthom l-Elezzjonijiet, l-istrajk tat-trasport pubbliku u l-ġlieda kontra d-delinkwenza. Inħossni kburi li f'kull okkażjoni, il-Korp qam għal dawn l-isfidi u għelibhom bl-unuri kollha. Mhux talli hekk, imma talli l-ewwel dawn l-episodji komplew isaħħu l-fiduċja li l-poplu għandu fl-uffiċjal tal-Pulizija, u t-tieni li l-kwantità ta' persuni li tressqu l-Qorti kien ferm iktar minn snin ta' qabel.

Il-parti l-kbira minna imdorrijin inqattgħu dawn iż-żminijiet mal-familji tagħna. Nixtieq għalhekk niftakar fil-membri kollha tal-Korp li b'sens ta' dover u sagrifiċċju jridu jieħdu aktar xogħol fuq spallejhom sabiex aħna nkunu nistgħu ingawdu dawn il-festi b'rasna mistrieħa li hemm min qiegħed jieħu ħsieb is-sigurtà tagħna. Għalhekk, f'isem il-poplu Malti, nirringrazzjakom għall-ħidma fejjieda u għas-sagrifiċċji li tagħmlu għall-ġid tas-soċjetà tagħna.

Fl-aħħarnett, nawgura lilkom u l-maħbubin tagħkom il-Milied hieni u s-sena ġdida mimlija risq.

*Carmelo Mifsud Bonniċi*
*Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern*

> "Għalhekk, f'isem il-poplu Malti, nirringrazzjakom għall-ħidma fejjieda u għas-sagrifiċċji li tagħmlu għall-ġid tas-soċjetà tagħna."




**mibnija skond il-ħtiġijiet tiegħek**

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

Is-self huwa suġġett għal kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni mill-fergħa tiegħek tal-BOV.

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 21875

# Messaġġ lill-Pulizija mill-Kummissarju tal-Pulizija is-sur John Rizzo



Kif jgħaddi ż-żmien. Għaddiet sena oħra. Kienet sena impenjativa daqs l-oħrajn ta' qabila, jekk mhux aktar. Sena mimlija sfidi li l-Korp kien kapaċi jiffaċċja bl-akbar ħeġġa, kuraġġ u effiċjenza.

Waqt li qed nirrifletti biex nikteb dan il-messaġġ immedjatament jiġuni f'rasi l-attivitajiet tal-massa kbar li l-Korp kellu jiffaċċja. L-ewwel tlett xhur tas-sena kienu kkaraterizzati bil-kampanja elettorali għal l-Elezzjoni Ġenerali. Kienu tlett xhur impenjattivi għall-aħħar u ta' sfida kbira. Il-Korp kien kważi jissemma ta' kuljum b'mod jew ieħor. Pero' b'wiċċi minn quddiem ngħid li l-Korp ħareġ minn din l-isfida, li ma kienet xejn faċli, bl-akbar unuri u b'rebħ ta' fiduċja akbar milli kien igawdi qatt qabel. Dan kien ta' sodisfazzjon u ta' nkuraġament kbir għalina. Din l-elezzjoni kienet eżempju ċar tal-fiduċja kbira li jgawdi l-Korp u l-membri tiegħu fost il-kommunita. Grazzi tal-mod eżemplari li ġibtu ruħkom u tax-xogħol kbir li wettaqtu tul dan iż-żmien diffiċli.

Bilkemm konna għadna ttewibna mill-istrapazz u l-għeja kbira li ġġib magħha Elezzjoni Ġenerali li ma' faqqax strike ġenerali tat-trasport pubbliku. Anke hawn il-Korp kellu sfidi kbar. L-azzjoni ndustrijali kienet mifruxa fuq tlett t'ijiem u kienu impenjativi għall-aħħar. Sfortunatament kellna nassistu anke għal numru ta' inċidenti kultant anke vjolenti. Il-Korp aġixxa mmedjatament u kellu juża l-esperjenzi kollha tiegħu biex b'għaqal kbir ikun strumentali sabiex dan l-istrike jiġi fi tmiem tiegħu fl-iqsar żmien possibli. Fil-bidu tal-azzjoni ndustrijali, kien hemm minn iddubita u ikkritika l-Korp għax dan mexa b'mod kawt u bl-azzjoni tal-perswazzjoni. Uħud ppretendew li l-Pulizija kellha taġixxi billi tuża l-forza fiżika kontra l-ħaddiema li kienu qed jeżerċitaw dritt kostituzzjonali. Pero' ż-żmien tagħna raġun, għax immedjatament wara li spiċċa l-istrike l-Korp irċieva diversi messaġġi ta' tifħir għall-mod eżemplari kif mexa tul dan l-istrike. Tista' tgħid li l-inċidenti kollha, li seħħew tul it-tliet t'ijiem tal-azzjoni industrijali, ġew solvuti u mressqa l-Qorti.

Immedjatament wara dawn iż-żewġ attivitajiet kbar, il-Korp kellu l-iżvintura li jgħaddi minn esperjenza xejn sabiħa. Qed nirreferi għall-mewt tas-Sur Nicholas Azzopardi fl-Isptar Mater Dei, li seħħet jiem wara li qabeż minn ċint li hemm fil-bitħa tas-CID waqt l-arrest tiegħu fid-Depot tal-Pulizija. Dan kien żmien ikraħ wisq għall-korp li kellu isofri diversi kritika u akkużi serji ta' swat u li saħansitra kienu l-istess Pulizija li tefgħaw lis-Sur Nicholas Azzopardi minn fuq is-sur għal isfel. Akkużi li ma' stajniex nirribatuhom biex naġixxu skond kif titlob il-liġi u nirrispettaw ż-żewġ inkjesti li kienu ġew imwaqfa dwar dan il-każ ħalli jkunu jistgħu jsiru mingħajr pressjoni ta' xejn. Kien mument ikraħ wisq għall-Korp. L-integrita tal-Korp kienet qed tiġi ċċalenġjata ta' kuljum. Pero' il-verita u s-sewwa ma' damitx ma' ħarġet. Iż-żewġ inkjesti kkonkludew billi neħħew kull ombra ta' dubju li kienet ntefgħet fuq integrita' tal-Korp. B' mod ċar ħelsu l-Korp min kull ombra ta' ħtija u mill-akkużi kollha li kienu qed isiru fil-konfront tiegħu. Sfortunatament dawk il-kwartieri li kienu diġa kkundanaw il-Korp bħala ħati, mingħajr ma' kellhom id-diċenza li jisimu l-verżjoni tal-Korp qabel ma' jikkundanaw, l-anqas kellhom id-diċenza li jitolbu skuża pubblika lill-Korp għall-ħsara li kienu għamlulu tul dan il-każ. Domine dirige nos.

F'rasi jiġuni wkoll suċċessi oħra li esperjenza l-Korp matul din is-sena li waslet biex tagħlaq. Għar-raba' sena konsekuttiva rnexxielna nkomplu nnaqqsu l-istatistika tar-reati Kriminali b'mod konsiderevoli. Jidher li din is-sena l-Kriminalita' f'pajjiżna se terġa tonqos bi kważi 8% fuq is-sena li għada kif għaddiet. M'hemmx dubju li dan is-suċċess jirrefletti l-ħidma kbira u sfieqa li qed jagħmel il-Korp fil-qlieda kontra l-Kriminalita'.

Suċċess ieħor li kellu l-Korp kien fil-ġlieda kontra t-traffikar u l-abbuż tad-droga. Matul din is-sena l-iskwadra ta' kontra d-Droga għamlet records ta' qbid ta' droga, arresti u prosekuzzjonijiet. Inqabdet waħda mill-akbar qabdiet li qatt kellna f'pajjiżna 8.4 kilos ta' Kokaina. B'dan mhux biss tgħajna kontribut kbir biex inaqqsu l-vizzju tad-droga minn pajjiżna imma rnexxielna nsalvaw ħafna żagħżagħ minn periklu kbir, kultant anke mwiet li sfortunatament iġġib magħha d-droga.

Huwa diffiċli li ssemi dak kollu li għamilna matul din is-sena f'dan il-messaġġ qasir, pero' nkun qed nonqos jekk ma' nsemmix is-suċċess kbir li ksibna fil-mezz ta' tagħlim li kull membru qed jieħu ġewwa l-Akademja tal-Pulizija. Illum għadna Akademja tal-Pulizija ħajja u attiva' għall-aħħar. Kull membru tagħha illum qed jieħu taħriġ b'mod regolari ta' kull xahar f'diversi suġġetti pulizjeski, f'taħriġ fiżiku, taħriġ fl-immaniġjar ta' l-armi tan-nar u armi oħra mhux letali bħalma huma l-pepper spray u t-taser gun. Din hija l-ħolma li dejjem kellna u issa saret realta' . Mingħajr taħriġ qatt ma' nistgħu ntejbu l-livell tagħna u nkunu Pulizija effiċjenti. Illum nistgħu niftaħru li kull membru qed jieħu taħriġ b'mod regolari fuq l-istess livell ta' pulizija oħra fi stati Membri Ewropej.

Dawn huma uħud mill-esperjenzi li kellna flimkien matul din is-sena. Il-mertu ta' dan is-suċċessi huwa tagħna 'lkoll. Ilkoll bagħtejna u kkontribwixejna biex ikollna dan ir-riżultat. Prosit u grazzi minn qalbi għax-xogħol kbir u sfidi li wettaqtu anke b'mod kultant perikoluż għall-saħħitkom.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nixtieq lilkom u l-familji tagħkom l-isbaħ xewqat għall-Milied u sena mimlija saħħa, hena u ġid.

**John Rizzo**
**Kummissarju**

www.toyota.com.mt





# Fashionably Yaris.

**Arrive in style with the Toyota Yaris T3.**

With Air Conditioning, ABS & EBD, 9 Airbags, Radio CD MP3 Player with 6 Speakers, Remote Central Locking, Front & Rear Electric Windows, Easy Flat Folding Seats and much more.

TODAY TOMORROW TOYOTA

**MICHAEL DEBONO LTD.** Notabile Road, Zebbug. Tel: 2269 4601. Fax: 2146 4095 • **PCG ENTERPRISES LTD.** Victoria, Gozo. Tel: 2155 6678 **sales@toyota.com.mt**

# Ħarifa imqanqla b'taqtigħ il-qalb X'tagħmel l-MPA għalina?

Neville Mercieca - Segretarju Amministrattiv MPA

Din il-mistoqsija smajta kemm il-darba. Waqt li nkun l-akkademja għal-lectures ta' kull xahar, ikun hemm min jgħidli....l-MPA, din x'tagħmel eżatt? Jew li din qatt ma għamlet xejn. Jien insaqsi lil dawn sħabi jekk jafux eżatt x'inhu x-xogħol tal-MPA, x'tista tagħmel u x'ma tagħmilx skond il-Liġi. Ħafna drabi, sfortunatament, l-idea u informazzjoni li jkollhom dawn il-membri rigward l-MPA tkun kompletament żbaljata u bbażata fuq biss dak li jisimgħu minn persuni oħra. Dan kollu ġej minn nuqqas kbir ta' interess u informazzjoni.

Qabel ma ġejt magħżul mill-Konferenza Ġenerali sabiex nifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv, jien ukoll ma tantx kont nagħti każ ta' x'inhu jiġri ġewwa l-Assoċjazzjoni. Fil-Korp, sfortunatament hawn tendenza li l-informazzjoni trid taħbat miegħek sabiex tkun taf x'inhu jiġri. Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq inwassal x'inhuma l-għanijiet li għalihom ġiet imwaqqfa l-Assoċjazzjoni, sabiex almenu, nkunu bdejna ninfurmaw b'mod tajjeb.

Niddubita kemm hawn min jaf li l-Assoċjazzjoni ilha mwaqqfa sa minn Lulju 1955, għalkemm kienet ilha tiġi pproponuta mill-1950. L-Assoċjazzjoni hija mwaqqfa b'liġi, eżattament, Kap 164 art. 24. Dan l-artikolu jistipula li l-Korp tal-Pulizija jista' jkollu żewġ Assoċjazzjonijiet professjonali, waħda għal grad ta' Spettur 'il fuq u oħra għal gradi l-oħra, iżda sal-lum, teżisti biss Assoċjazzjoni waħda li tħaddan fiha il-gradi kollha.

L-għanijiet u objettivi tal-Assoċjazzjoni huma dawk imfissra fl-Att dwar il-Pulizija, b'mod partikolari t-tħaris u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-membri u l-promozzjoni tal-interessi tagħhom, b'referenza partikolari għal-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar (PNB), jew kull bord ieħor relatat sabiex jirrapreżenta l-interess tal-membri. L-Assoċjazzjoni għandha d-dmir li tara li jogħla l-livell intelletwali, morali u professjonali tal-membri, it-trawwim u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bejn membri kollegi u ex-membri tal-Korp u t-titjib tal-benesseri tal-membri u tad-dipendenti tagħhom. <u>L-artiklu 37(2) tal-Kap 164 jistabilixxi ukoll li l-Assoċjazzjoni tista' tagħti pariri u għajnuna lil membri individwali fil-proċedimenti dixxiplinari</u>.

Ħadd ma jista' jkun membru tal-Assoċjazzjoni sakemm ma jkunx membru fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, għalkemm l-Assoċjazzjoni tista' timpjega persuni u konsulenti sabiex jgħinu fil-kisba tal-għanijiet li għalihom ġiet imwaqqfa.

L-MPA hija ukoll membru fiċ-CESP (Conseil Europeen de Syndicats de Police) li fi kliem sempliċi huwa l-Kunsill Ewropew tal-Unions tal-Pulizija. Il-fatt li aħna meqjusin bħala Assoċjazzjoni ma jnaqqas xejn mill-iskopijiet oriġinali. Fil-fatt hemm ukoll iċ-CPA, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Ċipru. Il-membri l-oħra, b'kollox 16 huma trade unions. F'Ġunju 1995, l-MPA applikat sabiex tissieħeb f'dan il-kunsill u kien biss f'Marzu 1996, ġewwa Bucharest li s-sħubija ġiet formalment aċċettata. Din l-għaqda hija ukoll imsaħħa bl-Artiklu 7 tal-Att dwar il-Pulizija li jistabilixxi li l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta tista' tibqa' tkun membru tal-Kunsill Ewropew tal-Unions tal-Pulizija, (CESP), skond l-Istatut tagħha, u li l-Assoċjazzjoni għandha tibqa' żżomm dawk il-kuntatti mal-Assoċjazzjonijiet tal-Pulizija barranin.

Il-Kumitat Eżekuttiv qed jipprova jagħmel l-almu tiegħu sabiex il-membri jkunu nfurmati b'dak kollu li jkun għaddej. Il-kelma impossibbli ma teżistix fid-dizzjunarju tagħna. Aħna nemmnu li xi darba jew oħra, anki dawk li llum ma tantx jinteressahom, għad ifittxu s-servizzi tal-Assoċjazzjoni. Għalhekk aħna nixtiequ li f'kull ċirkostanza, l-individwu jagħraf jimxi. L-Assoċjazzjoni hija mwaqqfa b'liġi sabiex tħares l-interessi tal-membri tagħha kollha, bħala ħaddiema f'pajjiż iċċivilizzat. Sejrin jintużaw il-mezzi kollha possibbli sabiex tizdied il-komunikazzjoni bejna u bejn il-membri tagħna. Hemm bżonn li kulħadd jieħu sehem attiv u kulħadd jifhem li inutli l-paroli fil-vojt u xi kultant il-qtugħ ta' qalb. Nistieden lil kulħadd sabiex b'serjeta' nersqu aktar lejn xulxin sabiex niddeċidu l-ġejjieni tagħna, filwaqt li nagħtu kontribut lis-soċjeta' li nappartjenu, billi nkomplu nsostnu l-effiċjenza u s-servizz tagħna waqt il-qadi ta' dmirijeitna.

Dak li suppost sar fi żminijiet imgħoddija, fosi ma sarx, jew ma sarx kollu, iżda issa, aħna fid-dover li nagħmlu dak l-isofz sabiex bħall-oqsma kollha tas-soċjeta', nagħmlu dik qabża fil-kwalita' sabiex nersqu dejjem aktar lejn id-dimensjoni Ewropea għal benefiċċju ta kulħadd. Dan

kollu jista' jsir, iktar u aktar grazzi għall-Kummissarju preżenti s-Sur John Rizzo illi għoġbu jippermetti li l-Uffiċċju tal-Assoċjazzjoni jkun miftuħ kuljum sabiex ikun aktar faċli li x-xogħol jitkompla u l-membri tagħna jkollhom post fejn jistgħu jsibu ħajt ta' kenn f'każ ta' bżonn.

### Talba għal informazzjoni mingħand il-membri

Sakemm wasalna għall-pubblikazzjoni ta' dan l-artiklu, suppost dan l-eżerċizzju diġa' tlesta. L-Assoċjazzjoni ħasset il-ħtieġa li jkollha ideja ċara tal-membri tagħha sabiex jiġu fformulati talbiet ġodda quddiem il-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar. L-Assoċjazzjoni tħoss li din il-komunikazzjoni hija importanti u jeħtieġ li tiżdied matul iż-żmien. Sabiex inserħu moħħ kulħadd, l-informazzjoni miġbura hija protetta bid-Data Protection Act, Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta.

### Elezzjoni Ġenerali 2008 u Strike tat-Trasport Pubbliku.

**Silta meħuda mill-estimi finanzjari prezentat mid-diskors tal-Budget 2009**

NEFQA RIKORRENTI 2008:
(Appendiċi C - STATEMENT B)
ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL
MAL-ESTIMU APPROVAT

Pulizija : 3,075,000 Żieda fin-nefqa hi neċessarja fil-kategorija tal-Pagi u Salarji minħabba rekluti ġodda kif ukoll minħabba *overtime* relatat mal-i*Strike* tat-Trasport Pubbliku u l-Elezzjoni Ġenerali.

Mhux qed nipprova nipprevedi l-futur iżda suppost, mal-ħarġa ta' dan il-Magazine, ma jkunx hemm flus pendenti li l-membri taghna ghandhom jiehdu, iżda xorta waħda nixtieq ninfurmakom x'għamlet l-Assoċjazzjoni sabiex il-flus jaslu kemm jista' jkun malajr.

L-Assoċjazzjoni kienet konxja tal-fatt illi l-uniċi ħaddiema li ma tħallsux huma l-Pulizija. Għalkemm l-Assoċjazzjoni hija limitata ħafna fl-azzjonijiet li tista' tagħmel, il-Kumitat Eżekuttiv xorta ħass il-ħtieġa li jagħmel dak kollu possibbli biex jagħmel dik il-pressjoni meħtieġa sabiex il-flus jgħaddu għand il-membri tal-Korp u l-familji tagħhom.

Ta' min jgħid illi f'Awissu 2008 ġiet mibgħuta ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn l-Assoċjazzjoni talbet l-intervent dirett tiegħu sabiex jitħaffef il-proċess. Il-Kummissarju kien konxju tal-problema u wegħedna li se jagħmel dak kollu possibbli sabiex jagħti l-kontribut tiegħu. Ġejna ukoll infurmati li kien għad baqa' pagament wieħed xi jsir min- naħa tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Investiment u l-Ekonomija lill-Korp. Qabel dan il-pagament iseħħ, il-membri tagħna ma setgħux jitħallsu. Din l-istess ittra ġiet mibgħuta lill-Onor Ministru tal-Ġustizzja u Intern Dr.Carm Mifsud Bonniċi, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern, l-Onor. Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment Tonio Fenech u liċ-Chairman tal-Bord tal-Pulizija u tal-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar.

Nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min ħa interess f'din il-kwistjoni, anki jekk m'humiex membri tal-Korp tal-Pulizija, kif ukoll sezzjonijiet tal-media u l-pubbliku li urew il-preokkupazzjoni tagħhom.

Nixtieq li l-membri tagħna jifhmu li peress li l-Assoċjazzjoni tista' tagħmel ċerta pressjoni sabiex il-problema tiġi riżolta, persuni bħal dawn huma vitali għal riżultat pożittiv li jista' jkollna.

Bħal dejjem infakkar lil membri tagħna li jistgħu jirrikorru għand l-MPA kuljum fil-ħinijiet tal-Uffiċċju (tel:21232892) sabiex jitkellmu fuq xi problemi li jkunu għaddejjin u li qed jolqtu lilhom direttament. L-Assoċjazzjoni ġiet imwaqqfa b'liġi, għalik.

### Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija fit-28 ta' Ottubru, 2008.

Iċ-Chairman, is-Sur Grech, is-Segretarju Ġenerali s-Sur Pace, it-Teżorier is-Sur Zammit u s-Segretarju Amministrattiv is-Sur Merċieca, kellhom laqgħa oħra mall-Kummissarju s-sur John Rizzo.

### Miżata

L-ewwel punt kienet it-talba tal-MPA rigward il-miżata li l-Assoċjazzjoni tirċievi mingħand il-membri tagħha. L-Assoċjazzjoni għamlet din it-talba peress il-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija huma ukoll membri tal-Assoċjazzjoni. Minn meta l-fizzjali, jiġifieri mir-rank ta' Supretendent sal-Kummissarju, ingħaqdu mal-Assoċjazzjoni, ma ġiet imħallsa l-ebda miżata min-naħa tagħhom. Il-Kummissarju wera' x-xewqa li dan il-punt jiġi studjat min-naħa tiegħu.

### Xift mibdul

Il-Kummissarju nforma lill-Assoċjazzjoni li b'effett mill-1 ta' Novembru, 2008, dawk li kellhom ix-xift tagħhom bid-Day-Night-Rest, sejrin jibdew jaħdmu fuq bazi ta' *Night-Second-First-Off.*

### Vacation Leave Fund

L-Assoċjazzjoni nformat lill-Kummissarju dwar xi każijiet li taf bihom dwar mard liema membri jixtiequ li jiġu kkunsidrati sabiex jibbenefikaw minn dawn il-fond. Il-Kummissarju stqarr li jista' jkun hemm xi abbużi minn dan il-fond. Minħabba dan il-fatt, se jitlob li jinħarġu linji ta' gwida ċari, sabiex dawk li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minnhom, jgħarfu jimxu u jsir użu tajjeb minnu. Il-membri għandhom l-ewwel jeżawrixxu l-*vacation leave* tagħhom u imbagħad jiġu kunsidrati kemm jingħataw ġranet ta' *vacation leave* minn dan il-fond. Il-Kummissarju kompla jispjega li dan mhux xi dritt awtomatiku li membru għandu. Dan il-fond ġie mwaqqaf mill-istess Kummissarju wara li ħass il-ħtieġa li jsir xi ħaġa sabiex tgħin lil membri li jkollhom bżonn għajnuna f'mument diffiċli tal-ħajja. L-Assoċjazzjoni taqbel mal-Kummissarju u tagħti l-appoġġ sħiħ f'dan il-każ, iżda fejn hemm abbuż dan għandu jiġi iddentifikat sabiex ma jbatux magħhom dawk il-membri ġenwini.

### Assikurazzjoni

L-Assoċjazzjoni spjegat lill-Kummissarju li bħalissa għaddejjin negożjati mal-Gvern sabiex il-membri tal-Korp ikollhom xi forma ta' assikurazzjoni. Il-Kummissarju qal li l-Assoċjazzjoni


GOOD EARTH
NATURAL FOODS
HEALTHY EATING
Healthy Choices made easy,
from a wide range of Organic Rices & Cereal Grains, Flours & Flakes, Nuts & Seeds and a large choice of delicious Dried Fruit.
and many more, yummy products!
JORDANS
granoVita
In harmony with nature...
Pantaleo
since 1890
alpro soya
A healthy decision
Provamel
KALLO
HEALTHY LIVING
GOOD EARTH
NATURAL FOODS
HEALTHY EATING
Hard Rocks Industrial Park, Burmarrad Road, Naxxar NXR6345
Tel: 21 431309 Fax: 21 421873 Email: purchasing@goodearth.com.mt

# Vilhena **Malta Government Bond Fund**

**** 25% discount on the up-front fee. No up-front fee on Monthly Investment Plans (subject to lump sum investment).**



## Offering you stability in a changing market

4.1%*

- *Income Yield as at 30.09.08
- Diversification - A portfolio of Maltese Government Bonds
- Classes of shares - A choice of Accumulator or Distributor
- Liquidity - Access to your money at short notice
- Monthly Investment Plan - From €50 per month

Past performance is not a guarantee to future performance.

VALLETTA FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Group
Bank of Valletta

Freephone **8007 2344**, BOV Branches in Malta and Gozo & Licenced Financial Intermediaries

* Income Yield net of the Fund's fees and expenses. This yield, which constitutes the income that the assets of the Fund generate in relation to their value or market, and the frequency of payment may vary and are not guaranteed.

** The Offer is valid up to 31 December 2008 and certain terms and conditions may apply.

The value of the investment may fall as well as rise and any initial charges may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management ("VFM"), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. VFM is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The Vilhena Funds SICAV plc is licensed as a Collective Investment Scheme, qualifying as UCITS, by the MFSA. This advert has been issued by VFM, Level 6, The Mall Offices, The Mall, Floriana, FRN 1470. Tel: 21227311, Fax: 21234565, Email: infovfm@bov.com, Website: www.vfm.com.mt

Source: VFM

m'għandiex għalfejn tuża' ħafna riżorsi tagħha fuq dan il-punt għas-sempliċi fatt illi diġa' hemm żewġ preċedenti, tal-ex-PC Mark Farruġia u l-ex-Pc Roġer Debattista, illi l-Gvern *ex-gratia* diġa' ħareġ somma flus lill-familjari tagħhom. Il-Kummissarju kompla jgħid li dan il-każ għandu jintuża' f'każi oħra, u l-Assoċjazzjoni għanda tgħin f'każ illi meta Pulizija jiġi maqtul waqt il-qadi tad-doveri tiegħu, il-familjari jirċievu kumpens. Il-Kummissarju qal li tkun ħaġa tajba jekk l-Assoċjazzjoni titlob li l-Pulizija jirċievu xi kumpens anki meta dawn jiġu mweġġa', dejjem waqt il-qadi tad-doveri tagħhom.

### Bust Ex-PC Roġer Debattista

Is-Segretarju Ġenerali talab l-intervent tal-Kummissarju tal-Pulizija mas-Sindku ta' Ħal Qormi rigward il-bust tal-mibki Kuntistabbli Roġer Debattista. Il-Kummissarju ġentilment għoġbu jagħmel kuntatt mas-Sindku ta' Ħal-Qormi sabiex jistaqsi f'hiex wasal dan il-proġett. Wara din il-laqgħa, il-Kummissarju nforma lis-Segretarju Ġenerali li s-Sindku ta' Ħal-Qormi kien infurmah li l-bust ikun lest sa Ġunju 2009. Hemm il-possibbilta' li dan il-bust jinkixef fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Police Day 2009.

### Disturbance Allowance tal-Fizzjali

L-Assoċjazzjoni saqsiet lill-Kummissarju f'hiex wasal il-proċess tal-*allowance* li ġiet imwegħda lilhom fil-Budget 2008. Il-Kummissarju wieġeb li dawn il-fizzjali sejrin jitħallsu.

### Skemi tal-HSBC

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta ikkonkludiet b'suċċess ftehim mal-Bank HSBC plc. sabiex il-membri tagħna jingħataw diversi skontijiet u rati speċjali ta' imgħaxx meta dawn jagħmlu użu mis-servizzi tal-istess bank. Il-membri kollha jistgħu jibbenefikaw minn dan il-pakkett b'mod volonatrju.

*L-iskema speċjali għall-impjegati tof-frilek:*

- Imgħax baxx u roħs fuq Flexicredit (self u overdrafts)
- Imgħax baxx fuq credit cards
- Roħs fuq tariffi tal-credit cards, Flexicredit u Home Loans
- Roħs fuq xi servizzi ta' stockbroking
- Roħs fuq xi servizzi ta' investiment



Għal aktar informazzjoni żur l-eqreb fergħa tal-HSBC Bank Malta p.l.c., jew ċempel Customer Service 2380 2380 jew żur www.mpa.org.mt

Saret talba lill-Kummissarju sabiex membri tal-Assoċjazzjoni jżuru l-Akkademja tal-Pulizija biex jinfurmaw lill-membri rigward dan il-ftehim. Nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kummissarju talli għoġbu jilqa' t-talba tal-Assoċjazzjoni.

### Is-7 Kungress taċ-CESP :(Conseil Europeen des Syndicats de Police)

Fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru, 2008, delegazzjoni tal-MPA ħadet sehem fis-7 Kungress taċ-CESP li sar ġewwa s-Serbia. Matul dan il-kungress ġie diskuss **'1988 – CESP – 2008 : From a divided Europe to a Unified Europe "Rights and duties of the police citizen'**. Matul dan il-kungress intwera' li diversi Pulizija kemm f'dik l-Ewropa li hija ħielsa u magħquda fl-Unjoni Ewropea u kemm pajjiżi oħra li għad iridu jingħaqdu, tali Pulizija dejjem isibu problemi ma wiċċhom. Ta' interess għall-MPA kien il-fatt li wara diversi laqgħat, ġiet milqugħa t-talba tagħna li l-miżata li l-istess MPA tħallas fis-sena tinżel minn E3,500 għall-E2,000.

Ma kienx faċli għad-delegazzjoni Maltija sabiex tirbaħ dan il-punt, imma bil-perswazzjoni u konsistenza irnexxilna nġibu dan ir-riżultat, sabiex bħala l-iżgħar membru fiċ-CESP, ma tlifna l-ebda dritt f'din l-organizzazzjoni, u l-flus iffrankati ser jibbenefikaw minnhom il-membri tagħna f'Malta.

### Għajnuna mill-Union tal-Pulizija tal-Olanda

Fil-25 ta' Awwissu. 2008, kien hawn fuq żjara ċ-Chairman tal-A.N.P.V. (Algemene Nederlandse Politie Vereniging) is-Sur Ron Tournier, fejn l-Assoċjazzjoni rċiviet għotja ta' kompjuters u rifuzjoni ta' biljetti tal-ajru li l-MPA ħallset sabiex tattendi l-laqgħa taċ-CESP. Dawn il-kuntatti bejn l-MPA u l-A.N.P.V tkabbru f'dawn l-aħħar żminijet bil-parteċipazzjoni tal-MPA fiċ-CESP. Hemm pjanijiet oħra ghall-futur li qed jiġu diskussi.




### Laqgħa ta' Kortezija lill–Onor. Prim Ministru

Nhar it-Tnejn 17 ta' Novembru, 2008, il-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni għamel żjara ta' kortezija lill-Onor. Prim Ministru Dr.Lawrence Gonzi LL.D M.P.

ġewwa l-uffiċċju tiegħu fil-Berġa ta' Kastilja. Il-Prim Ministru rringrazzja lill-membri kollha tax-xogħol li jagħmlu, stqarr li dan huwa ta stress u piż fuqna u fuq il-familjari tagħna. Ħareġ ukoll il-punt illi x-xogħol tagħna huwa xogħol uniku u hemm bżonn li jiġi aktar apprezzat u rispettat. Iċ-Chairman qajjem ukoll il-punt li il-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar ilu ma jiltaqa' għal ċertu żmien twil u li l-Assoċjazzjoni ma tiġix mistiedna meta jkun hemm xi laqgħat mal-korpi kostitwiti tal-pajjiż. Il-Prim Ministru fil-preżenza tal-Onor. Ministru għall-Ġustizzja u Intern Dr.Carmelo Mifsud Bonniċi LL.D wera' x-xewqa li jsiru dawk il-passi biex il-Pulizija tirċievi dak ir-rispett dovut fuq limiti nazzjonali u fejn hu possibbli, jsir progress.



Iċ-Chairman ippreżenta lill Onor. Prim Ministru *water-colour* magħmul minn PS396 S.Baldacchino li ukoll kien mistieden jattendi din iż-żjara.

**Konferenza Generali Straordinarja**

Nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru, 2008, iltaqgħet il-Konferenza Ġenerali Straordinarja tal-Assoċjazzjoni. Is Segretarju Ġenerali fid-diskors tiegħu elenka ħidmet il-Kumitat Eżekuttiv minn meta ġie elett. Il-ħidma kienet kontinwa u se tibqa' għaddeja b'ritmu tajjeb sabiex il-membri tagħna jaraw il-frott hekk mixtieq. Il-Kumitat Eżekuttiv jirringrazzja lil dawk id-Delegati li attendew u ressqu l-kummenti tagħhom sabiex tittieħed azzjoni fuqhom.

Infakkar lil kulħadd fis-sit elettroniku tagħna www.mpa.org.mt li qed ikun *updated* spiss, u fl-indirizz eletroniku tagħna mpa@onvol.net.

Nixtieq nawgura l-isbaħ xewqat għal Milied hieni u Sena ġdida mimlija risq lil membri kollha tagħna. J'Alla s-sena l-ġdida ġġib magħha dawk ir-riżultati li l-Assoċjazzjoni ilha tistenna għal żmien twil.





**Air Malta** has made its check-in even easier for its customers with the launch of **Web Check-in** on **www.airmalta.com**. Passengers travelling with or without baggage can check-in online and print boarding passes from the comfort of their home or office.

Book online
airmalta.com
No hidden charges. No credit card fees

AIR MALTA


MARKS &
SPENCER
Patricia Field
destination style™ new york
OPEN ALL DAY: PALACE SQUARE - VALLETTA | THE STRAND - SLIEMA

## **SHOES** | DESIGNED TO MOVE YOU





Art. 68783 Size. 35 – 41
Art. 68784 Size. 39 – 46



Art. 68773 Size. 35 – 41
Art. 68774 Size. 39 – 46



Art. 68753 Size. 35 – 41
Art. 68754 Size. 39 – 46

ECCO Pro series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. They are currently being delivered to the **Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark and Danish Rescue and Security.**

All styles in the ECCO Pro range are equipped with 100% GORE-TEX® membrane which is the most durable waterproof, windproof and breathable material on the market. The GORE-TEX® membrane consists of approximately 1.4 billion pores per square centimetre. No water or moisture can penetrate through the membrane from the outside. The membrane allows the water-vapour molecules to pass through easily. This protects the body from becoming either too cold or from overheating.

ECCO uses Hydromax™ leather which is approved by GORE-TEX® standards as having many advantages. It has the ability to expand when it gets wet, which means that the leather remains water-repellent for up to 10 hours! This technological leather is one of the finest water-repellent and windproof leathers. A special tanning process ensures high breathability on the inside and a water-repellent surface on the outside, optimizing the function of the GORE-TEX® membrane. The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions in order to retain the unique water-repellent features of leather.

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt

Our full Winter 2008 ECCO Collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT

ecco®



Ir-Razzett tal-Ħbiberija huwa organizazzjoni li taħdem biex iżżid il-ħiliet u l-ugwalijanza għal persuni b'diżabilita' f' pajjiżna, permezz ta' attivitajiet terapewtiċi u rikrijattivi. Dawn l-attivitajiet huma mħarrġa minn professjonisti fosthom terapisti, esperti fl-eżerċizzju, u professjoniijiet oħra. Dawn is servizzi huma offruti b'xejn lil persuni b'diżabilita'.

# Xogħol ta' volontarjat minn membru tal-Korp tal-Pulizija ġewwa r-Razzett tal-Ħbiberija

Dan ma jkunx possibbli mingħajr l-għajnuna kbira tal-volontarjat. Fost madwar 50 voluntiera li jgħinuna fl-oqsma differenti tal-organizazzjoni tagħna, Max Muscat huwa wiċċ regolari fil horse riding therapy programme. Dan il-programm huwa ddisinjat biex jgħin tfal u adulti b'diżabilita' biex iżidu l-ħiliet fiżiċi u mentali f'ambjent naturali u bl-użu t'annimali. Din it-terapija hija waħda rriċerkata ħafna, u hija ċara li l-benefiċċji huma bosta.

Fost it-tfal b'diżabbilita' hemm diversi aspetti ta' taħriġ u terapija li wieħed jista' jieħu bil-programmi tagħna. Tfal li għandhom problema ta' komunikazzjoni u li għandhom bżonn stimolu fiżiku jieħdu ħafna ġid mill-kuntatt fiżiku maż-żiemel. Bħal ma jużaw sikwit iddenfil f'pajjiżi bħal l-Amerika ta' Fuq, iż-żwiemel għandhom impatt fuq it-tfal u adulti li jirbħuhom, jew saħansitra jieħdu ħsiebhom għal xi ftit ħin (Grooming).

Hemm ukoll vantaġġi fiżiċi oħra. Tfal u adulti b'diżabbilitajiet mentali u fiżiċi jieħdu terapija fiżika fuq iż-żiemel. Il-movement tal-pass taż-żiemel jirrilassa l-ispażmi fis-sinsla u fil-ġogi. Jistimula l-ispina biex tiddritta u jgħin biex l-għonq u r-ras jinżammu f'pożizzjoni aktar naturali. Għal dawk b'diżabilita' severa wkoll jistgħu jirkbu jew fuq karru magħmul apposta jew fuq żaqqhom fuq iż-żiemel stess.

Il-programm tal-horse riding jikkumplimenta l-attivitajiet l-oħra fir-Razzett. Dawn, bħal Multi Sensory Therapy, Animal Interaction, Poterry u terapija fl-ilma kollha jgħinu fl-iżvilupp tal-persuna b'diżabilita' u għalhekk il-horse riding huwa parti integral tal-attivitajiet tagħna.

Għal min irid jagħti daqqa t'id, f'kull aspett tax-xogħol tagħna inkluż xogħol ta' maintenance, amministrazjoni, u xogħol fil-ġonna tagħna, jista' jikkuntaja lil Mariella Schembri fuq 21636526 jew permezz tal-email **mariellas@razzett.org.** Nispera li bħal Max, titħajru tgħinuna u tgawdu mis-sodisfazzjon li qed tgħinu biex tgħinu sabiex jittejbu l-kwalita' ta ħajja ta persuni b'qalb kbira!

*Nathan Farrugia*
*Kap Ezekuttiv,*
*Razzett tal-Ħbiberija*

**Kelmtejn minn PC Max Muscat, stazzjonat il-Kavallerija tal-Pulizija.**

Jiena Max Muscat u ilni Pulizija mill-1988. Ilni stazzjonat il-Kavallerija 20 sena, b'hekk nista' ngħid illi għandi ftit esperjenza mhux ħażin fejn jidħlu żwiemel u bhejjem simili. Il-familjarita' tiegħi ma' dawn it-tip ta' annimali ilha minn mindu kont għadni daqsxejn ta' tifel u kompliet trawmet fija tul is-snin. Minn dejjem kont nixtieq naħdem f'dan l-ambjent u l-Pulizija tagħtni l-opportunita' biex mhux biss biex inkun dilettant f'dan ir-rigward iżda wkoll biex inkun xi ftit jew wisq professjonali.

Ilni madwar 4 snin niffrekwenta r-Razzett tal-Ħbiberija ġewwa M'Scala. Wara ftit taż-żmien li bdejt immur hemmhekk tħajjart li mhux immur biss biex ngħaddi siegħa żmien iżda wkoll bdejt immur biex nagħti daqqa




Drive responsibly on and off-road. Official fuel consumption of the New Freelander 2 2.2D in mpg (l/100km): Urban 30.6 (9.2), Extra Urban 45.5 (6.2) Combined 37.7 (7.5), $CO_2$ Emissions 194 g/km

t'id. Issa ilni nagħmel xogħol volontarju ġewwa r-Razzet tal-Ħbiberija għal dawn l-aħħar tliet snin. Jiena nieħu ħsieb iż-żwiemel u l-ponijiet li hemm ġewwa r-Razzett tal-Ħbiberija.



Immur hemmhekk qisu erba' darbiet fil-ġimgħa u nagħmel xogħol varjat. Xi kultant inħammel liż-żwiemel, darb'oħra noħroġhom xi ftit. Nippreprawlhom l-ikel u naraw x'ikun hemm bżonn isir. Irrid ngħid li mhux jiena waħdi nkun hemmhekk iżda qegħdin grupp ta' nies iddedikati li nagħmlu dan it-tip ta' xogħol fuq bażi volontarja u fil-ħin li nkunu nistgħu. Apparti li komplejt żidt l-esperjenza tiegħi personali mal-annimali, rrid ngħid ukoll li kelli l-opportunita' niġi f'kuntatt ma' nies li jiffrekwentaw ir-Razzett bħala post ta' riabilitazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi rrid ngħid li mhux biss għamilt il-parti tiegħi iżda wkoll irċevejt ħafna lura f'dak li huma esperjenzi sbieħ ma' dawn in-nies u gratitudni li qed tagħmel xi ħaġa tajba u li wara tħossok kuntent li tkun għamiltha.

Il-fatt li jiena nagħmel xogħol volontarju fil-ħin liberu tiegħi, apparti li jgħini nkun raġel u missier aħjar kif ukoll Pulizija aħjar, itini sodisfazzjon kbira. Mort hemmhekk biex nagħti xi ħaġa u rriżulta li spiċċajt nieħu xi ħaġa lura jiena. Nistiedinkom biex min ikollu xi ftit ħin ċans, jinżel sar-Razzett tal-Ħbiberija ġewwa M'Scala u taraw l-ambjent sabiħ li hemm...u min jaf, forsi ttuni daqqa t'id ukoll.

# Il-Gvernatur Ġenerali tal-Awstralja





Nhar il-Ġimgħa 14 ta' Novembru, 2008 wara li l-Gvernatur Ġenerali tal-Awstralja, Quentin Bryce, kienet ħierġa mill-Palazz tal-President wara laqgħa statali li saret mal-President ta' Malta l-Hon. Dr Edward Fenech Adami, l-Eċċelenza Tagħha affaxxinat ruħha bil-preżenza tal-Kavallerija tal-Pulizija li kienu qed jistennewha quddiem il-Palazz sabiex jeskortawha.

Is-sinjura Bryce waqqfet il-carcade tagħha u ħarġet mill-vettura speċifikament biex tiltaqa' mal-membri tal-Korp li kienu qed jistennewha. Din i-waqfa ma kinitx ippjanata u għalhekk l-element ta' sorpriża ma naqas.

Prosit tassew lil membri kollha nvoluti.

# San Mikiel

## Protettur Universali tal-Korpi Pulizjeski

Kull min għamel użu mill-bitħa tad-Depot ma setax ma jinnutax it-tisbiħ li sar matul dawn l-aħħar xhur, u dan grazzi għad-dedikazzjoni u l-professjonalizmu fix-xogħol tas-snajja ta' kollegi tagħna. Iktar minn hekk, wieħed ma setax ma jinutax il-kapulavur li ħareġ minn id il-kollega tagħna l-Kuntistabbli Massa – l-alto relief ta' San Mikiel.

Din l-avventura bdiet meta fl-2004 il-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur John Rizzo, kien ġewwa l-Ungerija fuq xogħol u bħala Kap ta' Dipartiment kien mistieden għal ċerimonja f'ġieħ San Mikiel. Kif stqarr l-istess Kummissarju *ħassejtni ftit imbarazzat għax qabel dakinhar ma kontx naf li San Mikiel huwa l-protettur tal-Pulizija.* U minn hawn bdiet tberren l-idea li din iċ-ċerimonja b'xi mod tiġi mpurtata għall-Korp tagħna. Iċ-ċerimonja li attenda għaliha xebbaha ħafna maċ-ċerimonja li aħna nagħmlu kull l-1 ta' Novembru fuq l-oqbra, fejn isir tqegħid ta' fjuri, qari minn membri tal-Pulizija kif ukoll ta' familjari ta' ex-membri.

Bdew it-taħditiet man-nies mit-Taqsima tas-Snajja fuq kif seta' jiġi utilizzat aħjar l-ispazju li hemm fil-bitħa, fejn kienu l-bosta ideat li ħarġu ta' x'wieħed jista' jagħmel. Fost oħrajn kien issuġġerit li ssir l-arma tal-Korp, jew funtana fuq kull naħa ta' kif tiżboka mill-bieb għall-bitħa. Iżda l-Kummissarju qasam l-esperjenza li kellu l-Ungerija billi saqsa lill-Kuntistabbli Massa jekk hux kapaċi jidħol għal din il-biċċa xogħol u kien minn hawnhekk li twettqet it-triq għal din l-avventura.

Tkellimna mal-Kuntistabbli Massa fejn qalilna li x-xogħol beda f'Marzu ta' din is-sena, fejn l-ewwel sar l-abboz, li hija figura fuq skala żgħira magħmula mill-ġibs, imbagħad jibda l-ingrandiment, fejn mill-wiesgħa u l-għoli l-abboz jidħol erbgħa darbiet fil-figura finali.

Qabel beda x-xogħol saru taħditiet ma' Perit tal-Gvern fejn ix-xogħol ġie fdat lil Perit Centorino fejn saret pjanta dettaljata, speċjalment fejn tidħol is-saħħa, l-elevazzjonijiet u l-frame li kellu jsawwar lil San Mikiel.

Għalkemm din ma kienetx l-ewwel esperjenza għal Massa, kienet l-ewwel darba li kien ser jaħdem fuq xi ħaġa ta' dan il-kobor. Spjega li dak li kien ser jagħmel ma kinitx sempliċiment statwa, fejn it-tnaqqix isir minn kull l-att, imma kien ser jaħdem fuq xi ħaġa li kellha tkun ċatta imma fl-istess ħin kienet imbuzzata tlett kwarti l-barra mill-ħajt, jew aħjar kif inhi magħrufa alto relief.

Kif jixhdu r-ritratti, kull daqqa kienet tfisser ħafna, għax waħda ħażina kienet tkun detrimentali għal kumplament tal-proċess. Bħala ġebla, Massa ħadem fuq dik magħrufa bħala tas-Siġġiewi, li hija ġebla ħaddiema kemm fix-xogħol tal-lavur u kif ukoll għall-iskultura.

Staqsejnih fuq id-diffikultajiet li sab matul il-ħidma tiegħu, fejn Massa stqarr li ħa l-ħin tiegħu biex żgur ma tintilifx il-














konċentrazzjoni, speċjalment meta kienu jżuruh xi kollegi. Kull parti kellha ssir individwalment minħabba l-kontinwita' kif ukoll id-dettal li kienu jirrikjedu minn ċerta postijiet.

Kull mistoqsija jew l-iċken dubbju li kien jidħol f'moħħ Massa, dan kien iċempel lil Perit fejn min-naħa tiegħu dejjem kien disponsibbli l-ħin kollu u fejn l-assistenza tiegħu kienet waħda indispensabbli.

Nawguraw u nirringrazzjaw lill-Kuntistabbli Massa tal-kapulavur li tana u li mhux biss ser jitgawda minn kull wieħed u waħda minnha, imma ser tidgawda minn dawk kollha li ġejjin warajna.

Ħadna wkoll kumment mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, li wara kollox kien il-moħħ wara dan ix-xogħol kollu.

Kif diġa kien spjegat iktar 'il quddiem, il-ħsieb oriġina waqt waħda miż-żjarat li s-Sur Rizzo kellu bħala Kap tad-Dipartiment barra minn xtutna, fejn kien impressjonat bid-devozzjoni li l-Korp ta' dan il-pajjiż għandu lejn San Mikiel.

Peress li x-xbieha ta' San Mikiel tvarja f'dettal żgħir, jiġifieri hawn min jagħmlu b'mizien jew katina, l-għażla waqgħet fuq il-katina. Forsi wieħed jinnota li s-San Mikiel li hemm fuq l-antriporta tal-kappella għandu miżien. Iżda dan id-dettal, li wara kollox it-tnejn ifissru t-trażżin tal-ħażen, ma kien ser ifixkel xejn mill-pjan li issa beda jieħu l-ħajja.

Ix-xogħol beda, u beda b'ritmu kemmxejn mgħaġġel, iż-żmien beda għaddej ukoll, iżda għalkemm il-ħidma fuq San Mikiel kienet fi stat avvanzat, il-***frame*** ma kienx lest u allura ma setax jiġi nawgurat f'Jum il-Pulizija ta' din is-sena. Dan ma qata' qalb ħadd, anzi fi kliem il-Kummissarju *kont nieħu pjaċir ninżel nara l-progress, għalkemm mhux kuljum, imma kont nieħu pjaċir li kull darba li ngħaddi ħdejn Massa kont nara progress kbir.*

Kien hawnhekk li l-Kummissarju nduna kemm il-Kuntistabbli Massa kien bniedem preċiż u artikolat f'xogħolu, speċjalment il-mod kif ħareġ l-anatomija taż-żewġ karattri li ħadem fuqhom – l-eżateżża fil-musoli, fl-idejn, fl-uċuħ u d-dettal speċifiku f'wiċċ luċiferu, dettal li jissimboliza l-uġigħ tal-telfa.







Sakemm tpoġġew l-ewwel pedamenti kulħadd kien ftit xettiku, iżda llum il-ġurnata l-idea intgħoġbot u mhux darba jew tnejn isib min ikun qed jiddiskuti quddiem dan ix-xogħol.

Punt li xtaq jikkjarifika l-Kummissarju kien li sar San Mikiel u mhux qaddis ieħor għax dan il-qaddis huwa l-protettur tal-Pulizija, u mhux għax forsi kif wieħed jista' jaħseb għax illum il-ġurnata huwa jgħix Ħaż Żabbar u allura hemm xi tip ta' simpatija ulterjuri. Sar San Mikiel sempliċiment għax huwa l-protettur tagħna u allura kif inhu xieraq ikollu l-qima u r-rispett xieraq tagħna l-Pulizija.

Il-Kummissarju sostna li għandu numru ta' innijiet lesti, kif ukoll diversi tipi ta' lirika li wieħed jista' jqabbel mal-innijiet lesti sabiex jintgħażel wieħed minnhom sabiex ikun jista' jitkanta u jindaqq fil-ġurnata ddedikata lil dan il-qaddis.

Kien hawnhekk li l-Kummissarju rringrazzja lil membri tas-Sezzjoni tas-Snajja għad-dedikazzjoni u t-tbatija tagħhom sabiex illum kull membru jista' jiftaħar bix-xogħol ta' tisbieħ li sar ġewwa d-Depot.







## San Mikiel - Il-Protettur tal-Pulizija

Mikiel lejk nitfgħu ħarsitna,
fost l-Arkanġli int setgħan;
għax bil-qilla kontra l-ħażen,
tfajt taħt riġlek lix-xitan.

Bħal kull Korp lejk nirrikorru,
biex nitħeġġu fl-idejal;
ħalli naħdmu għalenija,
nikkumbattu l-kriminal.

Lil kap tagħna bid-dehen żejnu,
ħalli jmexxi b'lejalta;
Kif ukoll lil dawk ta' taħtu,
sabiex jaqdu b'fedelta'.

San Mikiel protettur tagħna,
Sejf u tarka tat-twajbin;
Kun inti l-mudell tagħna,
Żommna minnek imdawlin.

(Alfred Debattista eks-Spettur)

42c Marina Street, Pieta
Opposite Sa Maison GOZO FERRY
Email: edauto@maltanet.net
Email: edauto@carimportsmalta.com

# BRINCAT AUTO IMPORTS

www.carimportsmalta.com

Tel: 2122 0474
2722 0474
Fax: 2122 0721
Mob: 9949 0672


2002 HONDA INTEGRA


2004 HONDA INTEGRA


2005 HONDA INTEGRA


2006 HONDA INTEGRA


2002 TOYOTA CELICA


2003 MITSUBISHI EVO8


2005 TOYOTA VITZ RS


2003 MAZDA RX8


2000 TOYOTA FUNCARGO





2004 MAZDA RX8


2007 TOYOTA VITZ

2006 TOYOTA RACTIS XL 1300cc


2003 MAZDA RX8


2006 TOYOTA BELTA


2005 TOYOTA RACTIS


2005 TOYOTA IST AS 1500cc


2002 TOYOTA CAMI


2002 VITZ RS 1500cc


2002 COROLLA RUNX


2005 TOYOTA VITZ


2005 TOYOTA PORTE


2002 TOYOTA COROLLA


2004 TOYOTA VITZ 1300cc


1999 MERCEDES CLK


1999 BMW 530

**1 YEAR GUARANTEE** | **CERTIFIED MILEAGE** | **VCA APPROVED CARS** | **HIRE PURCHASE with LOW DOWN PAYMENT**













**E.S.S**

Electrical Supplies & Services Limited

104, J. Sciberras Street, Hamrun. Tel: 21 255777, 21 255888 Fax: 21 255999
Email: info@ess.com.mt, sales@ess.com.mt Web: www.ave.it



Nhar l-Erbgħa, 5 ta' Novembru 2008, fl-Officers Mess, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, 21 Surġent b'esperjenza kemmxejn twila fir-rank ġew mgħajjta sabiex jingħataw il-promozzjoni għal Surġent Maġġur.

# Let's be proud, Let's walk tall !

- Kummissarju tal-Pulizja (5 ta' Novembru 2008)

Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija, is-sur John Rizzo, l-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Korp, u s-Surġent l-Maġġur ta' l-Ewwel Klassi Noel Felice, rappreżentant mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani.

F'kelmtejn informali li għamel is-Sur Rizzo waqt din l-okkazjoni, il-Kummissarju fakkar kif dan ir-*rank* ta' Surġent Maġġur reġa' ġie introdott ftit snin ilu wara li kien spiċċa għal kollox. Il-Kummissarju tal-Pulizija kompla jsemmi kemm huwa importanti dan ir-*rank*, speċjalment meta wieħed jiftakar fid-doveri u r-responsabbilitajiet li jġib miegħu ir-rwol ta' Surġent Maġġur u kif għandha tinqata' l-ideoloġija li s-Surġent Maġġur qiegħed hemm biex jagħmel id-*detail* tas-sezzjoni.

Waqt il-ħatra tas-Surġenti, Maġġuri, il-Kummissarju b'dispjaċir kbir saħaq kif id-dixxiplina fil-Korp tal-Pulizija sejra ħafna lura, kif kollox sar qisu xejn mhu xejn u li din l-imġieba trid tieqaf għaliex dan mhuwiex ta' ġieħ għal Korp li suppost huwa msejjes fuq id-dixxiplina.

Waħda mir-responsabbilitajiet u doveri li għandhom jimxu magħhom is-Surġent Maġġuri huwa li kemm jista' jkun tinqata' din l-imġieba. Il-preżenza tas-Surġent Maġġur fi ħdan il-Korp trid tidher u tinħass qal is-Sur Rizzo. M'hemmx raġuni għala f'ċerti każijiet għandu għalfejn jidħol fiha Kummissarju meta f'każijiet minnhom r-responsabilita' tagħhom qiegħda fuq *ranks* oħra wkoll.

Huwa kompla jispjega lill-Maġġuri kemm għandhom ikunu serji u kif Maġġur eżemplari għandu jerfa' responsabbilita' b'serjeta' sabiex jagħmlu isem kemm għalihom kif ukoll għal professjoni li jirrapreżentaw, kif ukoll li huma għandhom ikunu l-prova li r-*rank* l-ġdid tagħhom huwa importanti, li permezz tal-ħidma tagħhom għandhom jagħmlu differenza. Differenza fit-tajjeb, differenza li tgħolli l-livell fil-Korp tal-Pulizija. Wara kollox hu għall-individwu li l-Pulizija kollegi tiegħu jgħidu li t-tali Maġġur *m'hawx bħalu* mhux għax jagħlaq waħda jew anke' t-tnejn, iżda għax tiegħu gost taħdem miegħu għax għalkemm iżomm id-dixxiplina huwa responsabbli. Il-kelma tiġri, kemm fil-Korp stess, kemm barra l-Korp tal-Pulizija, kulħadd ikun jaf bir-reputazzjoni li wieħed iġorr miegħu.

Hemm bżonn li kull membru tal-Korp jagħmel impenn, ikun responsabbli u jżomm imġieba denja ta' Pulizija. Fi kliem il-Kummissarju tal-Pulizija "Let's be proud, let's walk tall".

*Wara l-għoti tal-promozzjoni lis-Surġenti Maġġuri l-ġodda ħadna kumment żgħir mis-Surġent Maġġur 24 Josephine Gauci, is-Surġent Maġġur 1021 Joseph Urpani u s-Surġent Maġġur 61 Josef Ciappara, stazzjonati l-Vice Squad, il-Mobile u s-CID rispettivament. Meta mistoqsija x'qed tistenna mix-xogħol il-ġdid, is-Surġent Maġġur Josephine Gauci qaltilna li hi bħala mara li ilha kwazi 27 sena Surġent u għandha kważi 31 sena servizz fil-Korp tal-Pulizija tħossa kburija li ħadet il-promozzjoni fir-rank ta' Surġent Maġġur biex tkun aktar pro attiva fl-effiċjenza tagħha għax toġgħobha s-serjeta' u d-dixxiplina. Hija tħossa kuntenta ħafna, kemm hi, kif ukoll l-familjari tagħha u tit-lob 'l Alla jżomm idejh fuqha u fuq il-Korp tal-Pulizija kollu, peress li hi tħoss li l-Korp huwa t-tieni familja tagħha.*



*Is-Surġent Maġġur 1021 Urpani, qalilna li jinsab ferħan ħafna li ħa din il-promozzjoni u jħoss li b'aktar responsabilita' għandhom iċ-ċans li jagħmlu xi tibdila importanti fil-Korp tal-Pulizija. Min-naħa tiegħu s-Surġent Maġġur 61 Josef Ciappara jħoss li ħafna mix-xogħol tal-amministrazzjoni huwa diġa' parti mix-xogħol tiegħu, pero jemmen li bir-rank ta' Surġent Maġġur ikun jista' jagħti iktar sehmu fejn tidħol l-amministrazzjoni u anke xogħol ieħor polizjesk, filwaqt li jinsab kuntent ħafna bl-avvanz fil-karriera li għamel.*

## Is-Surġenti Maġġuri l-ġodda huma:

| | |
|---|---|
| 2/SM 620 | Stephen Bunce |
| 2/SM 227 | Joseph Chalker |
| 2/SM 513 | Anthony Gerada |
| 2/SM 508 | Francis Bezzina |
| 2/SM 1219 | Carmel Zammit |
| 2/SM 1505 | John Micallef Engerer |
| 2/SM 1048 | Mario Busuttil |
| 2/SM 634 | Wilfred Imbroll |
| 2/SM 1439 | John Tabone |
| 2/SM 187 | Mario Cassar |
| 2/SM 1460 | George Farrugia |
| 2/SM 796 | Gerald Borg |
| 2/SM 38 | Paul Zahra |
| 2/SM 1021 | Joseph Urpani |
| 2/SM 1428 | Jesmond Delia |
| 2/SM 61 | Josef Ciappara |
| 2/SM 183 | Michael Demanuele |
| 2/SM 24 | Josephine Gauci |
| 2/SM 1533 | Lawrence Caruana |
| 2/SM 822 | Mario Agius |
| 2/SM 576 | John Mary Cefai |



# L-Aġenzija Frontex u l-Proġett Konġunt Nautilus III (2008)

Ps165 Jason Gilson - SB

Żgur li kulħadd sema' bil-Frontex, l-Aġenzija Ewropeja nkarigata mis-sigurta' tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropeja. Ħafna semgħu wkoll bl-operazzjoni konġunta Nautilus. Filfatt, din is sena kellna n-Nautilus III, l-aħħar minn tlett operazzjonijiet konġunti li damet sejra għal ħames xhur u li bdiet minn nofs Mejju u spiċċat fil-15 ta' Ottubru.

Bħaż-żewġ operazzjonijiet l-oħra li saru fis-sena 2006 u fis sena 2007, din l- operazzjoni ġiet ikkordinata u ffinanzjata mill-Frontex b'fondi tal-Unjoni Ewropeja. Bħall-operazzjonijiet ta' qabel, l-għan tal-aħħar operazzjoni kien biex Stati Membri tal-Ewropej jikkoperaw flimkien biex tiġi kkontollata l-immigrazzjoni illegali, fil-każ in kwistjoni dik li toriġina mill-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq, bl-użu ta'nies mħarrġa f'oqsma relatati u bir- riżorsi materjali li joffru pajjiżi parteċipanti. Filfatt, fl-aħħar operazzjoni, diversi pajjiżi Ewropej taw sehemhom f'perjodi differenti, uħud permezz ta' assi marittimi, tal-ajru jew inkella billi bagħtu esperti jassistu u jaħdmu biswit uffiċjali Maltin kemm mill-Pulizija u l-Armata. Barra Malta u l-Italja, il-pajjiżi li ħadu sehem kienu il–Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Lussemburgu, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

Biex titmexxa' din l-operazzjoni, twaqqaf fil-Kwartieri tal-Forzi Armati ta' Malta, dak li jissejjaħ l-ICC jew l-*International Co-ordination Centre*. Il-Joint Coordination Board li kien jopera mill-ICC kien magħmul minn Membri tal-Armata, fosthom il-Maġġur Andrew Mallia bħala kordinatur, sintendi b'responsabilita' li jikkordina l-operazzjoni. Kien hemm kordinatur ieħor min-naħa tal-Frontex, li jikkordina l-operazzjoni bejn l-aġenzija li jirrapreżenta u l-pajjiżi parteċipanti. Min-naħa tal-pajjiżi li kellhom xi assi marittimi jew tal-ajru, kien hemm dak imsejjaħ uffiċjal nazzjonali, li ukoll kien jikkordina ix-xogħol tal-ġurnata bejn l ICC u l assi nvoluti, fosthom helicopters, ajruplani jew opri tal-baħar.



Min-naħa tal-Korp tal-Pulizija ġejt innominat jien bħala Intelligence Officer. Xogħoli kien li niġbor l-informazzjoni tal-ġurnata u nirreferiha biex tiġi annalizzata mill-uffiċċji relattivi tal-Aġenzija Frontex ġewwa Varsavja fil-Polonja. Din l-informazzjoni tinġabar minn diversi sorsi, fosthom l-intervisti li jkunu ttieħdu minn esperti Maltin u barranin, gazzetti u siti elettroniċi, kif ukoll sorsi oħra li kienu jaħdmu waqt l-operazzjoni in kwistjoni.

Franza pprovdiet patrol boat u ajruplan, il-Ġermanja pprovdiet żewġ helicopters, u l-Italja pprovdiet vapur militari, żewġ patrol boats, helicopter kif ukoll ajruplan. Il-Lussemburgu, għalkemm m'għandiex forza tal-Ajru ipprovdiet ukoll ajruplan bl-ekwipaġġ ukoll għall-perjodu waqt din l-operazzjoni.



Dawn l-istess pajjiżi (ħlief għal Ġermanja) flimkien mal- Belġju, il-Greċja, ir-Rumania u ir-Renju Unit ipprovdew bosta *interviewers* għall-perjodi differenti. Dawn l-interviewers ġew assistiti minn diversi membri fit-taqsima tal-immigrazzjoni, fosthom is-Surġenti Mario Ebejer u Charlotte Cutajar kif ukoll il-Kuntistablijiet Michael Magro u Mario Baldacchino, ilkoll mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni. Din sintendi kienet esperjenza tajba għal dawn l-uffiċjali li jaħdmu mal-kollegi tagħhom barranin u għalhekk setgħu jaqsmu l-esperjenzi tax-xogħol tagħhom. Il-Kuntistabbli Emanuel Said kien utiliżatt regolarment bħala interpretu tal-Għarbi u wieħed jista' jgħid li dan kien ta' għajnuna vasta speċjalment illi ħafna minn dawk interrogati kienu jitkellmu b'dan l-ilsien. Ta' min isemmi illi in konnessjoni ma din l-operazzjoni, Frontex iffinanzjat l-ispejjeż ta' xi assi li nxtraw kemm mill-Armata kif ukoll mill Pulizija biex setgħa jsir ix-xogħol konness, u dan kien jinkludi komputers u apparat fotografiku.

Waqt id-diversi patrols fl-ibħra u speċifikament f'żoni identifikati għal din l-operazzjoni, kif ukoll fis-*Search and Rescue Area* (SAR) ta' Malta permezz tal-assi kif semmejna aktar 'il quddiem, ġew salvati diversi persuni li kienu fuq dgħajjes u li sabu ruħhom f'diffikultajiet. Jista' jingħad illi din is-sena, kienet is-sena fejn l-akbar numru ta' immigranti li telqu mill-Afrika ta' fuq permezz ta' dgħajjes spiċċaw f'Malta. Dan min meta beda dan il-fenomenu fis-sena 2002, fejn nafu li ħafna minnhom waqt l-kienu fi triqithom għall-Italja.




**info@qronfla.com • www.qronfla.com**

**Il-Qronfla, Zabbar Road, Paola Tel: 2124 8496 / 2724 8496**
Qronfla, Christmas Shop, Pantar Road, Mosta {within Francesco Fenech premises} Tel:2144 2600
Il-Qronfla, Villa II Fontaine, Main Street, Balzan Tel: 2744 4750




**how to find us...**



L-immigranti illegali jaslu hawn ġeneralment permezz ta'dgħajjes tal-fibreglass, xi wħud b'dgħajjes tal-injam u okkazzjonijiet oħra permezz ta' dinghies. Mal-wasla fi gżiritna, jibda l-proċess ta' identifikazzjoni, eżami mediku immedjat u fl-istess ħin issir koordinazzjoni mal-Uffiċjal inkarigat miċ-Ċentri ta' Detezzjoni biex dawn l-immigranti jiġu allokati f'wieħed miċ-Ċentri. Il-maġġoranza ta' dawn il-persuni normalment japplikaw għal stat ta' refuġjat mal-Kummissarju tar-Refuġjati f'Malta.

Huwa ta' interess li nsemmu li bejn Ġunju u Lulju ta' din is-sena, Malta ħadet sehem ukoll fil-Programm *Aeneas*, fi proġett biex jissapportja il-*Joint Analyses Unit* (JAU). Barra Malta, li kopriet xahar ta' assistenza ġewwa l-gżira ta' Lampedusa bil-parteċipazzjoni tal-ex Spettur Clifton Pulis u s-Surġent Charlotte Cutajar ħadu sehem ukoll uffiċjali Taljani u oħrajn mir-Renju Unit. Dan ix-xogħol sar fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Lampedusa, fejn eluf kbar ta' immigranti illegali jispiċaw miżmuma temporanjament wara l-wasla tagħhom fil-gżira. Ix-xogħol tagħhom kien identiku għal dak li kien qed jitwettaq Malta, u ċjoe' illi l-immigranti illegali li jaslu kienu jiġu nterrogati biex tittieħed l-informazzjoni relatata mat-tluq tagħhom minn pajjiżhom, għax-xtut tal-Afrika ta' Fuq, sal-wasla tagħhom, f'Lampedusa. Dan kien isir billi l-interviewers Maltin kienu jkunu ma' dawk barranin. Uffiċjali mil-Libja, l-Eġittu, l-Etjopja u l-Kenja ħadu sehem ukoll fejn dawn ġew imħarrġa b'metodi ta' *debriefing* u *intelligence*. Frontex ipparteċipat ukoll matul dan il-proġett billi pprovdit analista kif ukoll xi interviewers Franċiżi, Portugiżi u Spanjoli. L-għanijiet prinċipali ta' dan il-proġett kien li, bil-koperazzjoni ta' dawn il pajjiżi parteċipanti, jiġu analiżżati diversi fatturi ta' dan il-fenomenu, l-iktar il-*modus operandi* użat mill-istess immigranti u r-rotot użati, fost informazzjoni oħra. L-informazzjoni miġbura tiġi mgħoddija anke lill-pajjiżi kkonċernati biex dawn ikunu jistgħu janalizzaw aħjar is-sitwazzjoni inkwistjoni, fejn bla dubju ta' xejn qed tiswa' il-ħajja ta' ħafna u ħafna nies waqt it-traġitt tagħhom speċjalment fid-deżert u fuq il-baħar.

Wieħed jittama illi fil-futur dan il-fenomenu jitnaqqas jekk mhux jispiċċa, biex b'hekk jiġu salvati ukoll il-ħajjiet ta' bosta immigranti li normalment l-iskop tagħhom hu li jsibu ħajja aħjar f'pajjiżi fejn il-kondizzjonijiet jistennewhom jkunu aħjar mill-pajjiż minn fejn ikun telqu.




# PALOMBA COLLECTION

LAUFEN

The washbasins by Ludovica and Roberto Palomba imitate the erosive patterns of water. As the water retreats, new forms become visible. Bays of infinite forms and sizes develop. The washbasins and washbasin bowls, some of which have won awards in international design competitions, are unmistakeable personalities. They have to be seen, they are an experience.












Banju Boutique

## Banju Boutique

Arcade Street, Paola tel: 21809111/2 fax: 21809114
email: info@banjuboutique.com
www.banjuboutique.com



# Leadership Academy ta' Hendon

Dr. Rose Anne Cauchi Cuschieri




Ftit tal-ġranet ilu kelli okkazjoni nżur il-Leadership Academy tal-Pulizija ta' Hendon. Dan huwa fost l-akbar ċentri ta' taħriġ tal-Pulizija tal-Ingilterra. Biss qabel ta' min nirrakkonta kif ġietni din l-okkazjoni.

Ftit tax-xhur ilu, kont qed nitkellem massur Dione Bugeja li huwa l-President tal-International Police Association u l-kliem waqa' fuq din l-assoċjazzjoni. Staqsejtu min huwa ntitolat li jkun membru u qalli li bażikament nies li qegħdin fil-Korp tal-Pulizija jew xi darba kienu membri tal-Korp jistgħu jkunu membri. B'nofs ċajta imma ukoll b'serjeta' staqsejtu jekk jien, għalkemm miniex membru sħiħ tal-Pulizija, iżda li ili nagħmel xogħol u riċerka mal-Korp għal dawn l-aħħar disa' snin, nistax qatt insir membru. Qalli li jistaqsi u jiċċekja. Biex ma ntawwalx, wara xi proċeduri li kienu meħtieġa, ġie amendat l-Istatut u jien illum għandi l-unur li ngħid li kont l-ewwel pajżana u naturalment l-ewwel mara li sirt membru tal-IPA. Ikolli nammetti li nħossni kburija b'dan il-privleġġ. M'għandnix xi ngħidu, bdejt nara l-funzjonijiet tal-IPA u fost l-oħrajn sirt naf li meta membru jsiefer ikun jista' jsir kuntatt mal-IPA ta' dak il-pajjiż. Għaldaqstant ftit tal-ġranet ilu kont sejra l-Ingilterra u tlabt biex isir dan it-tip ta' kuntatt. Ġejt mistoqsija x'inhu l-interess tiegħi u naturalment għid li jinteressani ħafna fejn jidħol training centres tal-Pulizija. Fi ftit ġranet saru l-kuntatti meħtieġa u ġejt mistiedna biex inżur il-Leadership Academy tal-Pulizija ta' Hendon. Inżerta li l-area ta' interess tiegħi hija bażikament fejn jidħlu leadership u management, u għalhekk ilqajt din l-istedina bil-qawwa kollha.



Din l-akkademja hija mmirata lejn kull grad tal-Pulizija Metropolitana.

L-ideja hija li kull membru tal-Pulizija, ta' kull grad, jingħata / tingħata taħriġ intensiv fil-leadership u f'dak kollu li dan is-suġġett jinvolvi. Aktar ma jkun għoli l-grad, aktar it-taħriġ ikun intensiv speċjalment fejn jidħlu l-gradi ta' Surġent u Spettur. Fil-fatt il-motto ta' din l-Akkademja huwa: Working together for excellence in leadership. Il-membri kollha li jidħlu f'din l-Akkademja jingħataw taħriġ biex isiru l-aħjar mexxejja possibbli. Fil-fatt fost l-oħrajn l-idea hija li l-akkademja tgħin lil kull membru to become the best they possibly can; to develop the competence, confidence and courage needed to be inspirational leaders....We represent a challenge – a challenge to lead by example – to be the type of leader that both our staff and the public want to see; a leader that makes a difference to the quality of policing[1] . Fil-ħarġiet li ġejjin bi ħsiebni nizvolġi aktar fuq dan is-suġġett għax minn dejjem emmint li kull Pulizija huwa / hija leader u issa dan it-twemmin tiegħi aktar ġie msaħħar wara li żort dan il-post.

[1]Meħud mill-promotional booklet ta l-istess Akkademja *(Permess mogħti)*

# YOUR SECURITY PARTNERS

## *When and where it matters most*



**We at Shield specialise in protecting organisations through risk management. Through the processes of active, risk-based consultancy and specialist training, we support our clients in approaching and resolving a variety of risk issues. Organisational Security, Occupational Health and Safety, Business Security Management, Maritime and Supply Chain Security; these are just some areas in which we frequently become involved in assisting and supporting businesses. A brief selection of our practical, competence-based training courses includes:**

Security Risk Management

1. How to control access to a building.
2. How to conduct a bomb search inside a building.
3. How to conduct a body search.
4. How to conduct a vehicle search.
5. How to write a security incident report and other documents
6. How to manage the risk of an armed robbery.
7. How to manage the risk of a bomb threat.
8. How to manage security in the retail environment.

Occupational Health and Safety [OH&S]

1. How to document an OH&S Policy.
2. How to manage safety in confined spaces.
3. How to manage safety at height.
4. How to manage safety during construction.
5. How to document emergency response plans.
6. How to manage a safety incident.
7. How to conduct a safety risk assessment.
8. How to conduct a safety investigation.

**So if you are serious about safety, security and business continuity in your organisation, or if you take your personal professional development seriously, contact us for further information or visit our website at www.shield.com.mt.**
**We offer special discounts for university undergraduates and members of the Police, Armed Forces of Malta and Civil Protection Department.**

**SHIELD**
SECURITY CONSULTANTS

Suite 2 Network Building, Industrial Zone, Mriehel BKR 3000
Tel: +356 21 446 980 Fax: +356 21 497045 Cell: +356 99 424 811
E-mail: training@shield.com.mt or consult@shield.com.mt Website: www.shield.com.mt

# Drinn Drinn 18

Supt Peter Paul Zammit

Hello: Prosecutions Unit..

Hello : Bonġu Sir. *Issa ġejna sew, din ġdida .*

Bonġu. Veru ġejna sew nitkellmu waħedna, għidli x'ġara kemm tinstema' mmasħan.

*Bonġu, Sir nerġa' ngħidlek u skużani, imma għadni kif qlajt ċamata mill-Qorti u dan kollu għax ma għamiltx l-artikoli fiċ-ċitazzjoni. Imma jien ġejt bejn ħaltejn, min jgħidlek għamilhom u min jgħidlek le. Qorti titlobhomlom u oħra le, nista' nkun naf fejn qiegħed?*

Mela ħa nibdew, bejn dak li titlob il-liġi u dak li huwa bżonnjuż biex taħdem il-liġi hemm oċejan jaqsam. Bejn dak li jitlobna l-ġudikant u dak li jitlobna ġudikant ieħor, hemm daqstant bogħod wkoll.

*Mela l-baħar qegħdin u jien nibża' ngħum f'baħar imqalleb, hekk qed inħossni.*

U le mhux se tegħreq, forsi diġa' ixxarrabt bil-għaraq mal-ħasla li qlajt. Ċajt apparti, jidher li int ukoll inqbadt bejn il-mazza u l-inkwina imma hemm rimedju, iżda qabel ma ngħidlek jien, int x'taħseb?

*Jien ngħid il-verita' ma nafx, insomma ma hiniex ċert. Naħseb li jekk ikun hemm l-artikoli tal-liġi jkun aħjar għal kulħadd inkluż l-avukat biex isib ix-xagħra fl-għaġina imma jien għandi nagħti l-armi lill-għadu?*

L-ewwel nibdew biex inneħħu l-ideja ta' għedewwa, lili ġiegħli inżertajtni l-Qorti, taf kemm nitmasħan u ngħid fl-Awla, imma barra....

*Barra tkun differenti mal-avukati, aktar ħabib milli għadu...*

U hekk għandu jkun. Nibda' billi nindikalek li int ma bniedem qiegħed tid-diskuti, u qed tiddiskuti punt ta' liġi jew proċedura, u forsi anke dwar piena u fatti. Imma TIDDISKUTI u l-aktar targumenta. Mela trid tħalli barra l-animu personali, ma tridx la teħodha personali u lanqas tagħtiha personali la bejnek u l-akkużat u anqas u anqas bejnek u d-difiża. Anke jekk l-argument jisħon, dan jibqa' argument u xejn personali. Dak li ngħidu ħafna drabi, *'Bir-rispett kollu lejn il-parti l-oħra..'* ikun veru bir-rispett u dan isir reċiproku.

*Imma...*

Tgħidli biex ġej, minn hawn tibda t-triq għaliex int ħassejt li qiegħed tagħti l-għodda lid-difiża biex tattakkak. Xogħolna hu li nipprosegwixxu, mmexxu kontra persuna mhux li nippersegwita lil dik il-persuna. Il-battalja legali għandha tkun waħda ta' *equaity of arms* u fuq *level playing field,* mhux mistoħbijin wara l-inċertezza tal-liġi. U ħaġa oħra, li tkun int qed tiġi akkużat, trid tkun taf fuq x'hiex u dwar xhiex u x'jista' jiġri.

*Dażgur*

Mela hekk ukoll għandek timxi ma ħaddieħor, kif trid li ħaddieħor jimxi miegħek.

*Ħasla oħra din, imma dħalt għalija, issa x'ser nagħmel, liema hija l-proċedura t-tajba?*

Fix-xenarju tal-liġi hemm dak li nsejħulu desiderata. Dawn ikunu affarijiet barra mill-liġi miktuba imma jkunu importanti sabiex l-affarijiet isiru sew. F'dan il-każ, kif xtaqt int, wieħed għandu jkun jaf bl-aħjar mod possibli x'inhi l-akkuża, il-liġi titlob biss li jkun hemm l-indikazzjonijiet neċessarji tar-reat u ma titlobx li jissemmew l-artikoli tal-liġi. Din tal-artikoli tal-liġi jintalbu biss mill-Avukat Ġenerali fl-għeluq tal-kumpilazzjoni u taf għaliex...

*Għax dak mgħallem fil-liġi sew, mhux bħali*

Prosit. Ilqatt iż-żewġ punti mportanti. Waħda li l-liġi ma titlobx l-Artikoli tal-Liġi mill-Pulizija, iżda titlob dak li l-Pulizija tista' tgħarraf bih lill-parti l-oħra b'mod li l-parti l-oħra tifhem biex qed tiġi akkużata u l-oħra ħi li ġaladarba qed nakkużaw pesuna li għamlet xi ħaġa li skond aħna hija illegali, allura lill-ġudikant għandna nindikawlu il-liġi li dwarha inkunu qed nimxu. Kif taf int hemm ħafna liġijiet u ħafna fejn wieħed jitfixkel, mhux l-ewwel darba li tkellimna fuq xi artikolu partikolari u tgħidli minn fejn ġibtu dan.

*Allura rrid nagħmilhom hux hekk.*

Iva u le. L-artikoli tal-liġi kif għedtlek huma importanti għall-ġudikant, u huwa lanqas ma għandu (fil-kawżi summarji jew tas-seduta kif ngħidulhom is-soltu) l-obbligu li jniżżilhom fis-sentenza. Imma biex il-ġudikant jagħmel xogħlu sew, irid ikun jaf x'tgħid il-liġi dwar l-allegat ksur tagħha u anke dwar x'ħaqqu dak il-proxxmu. Billi l-Qorti wkoll issib diffikulta' li tkun taf il-liġijiet kollha fejn jinsabu huwa għalhekk mixtieq li l-Pulizija tagħti indikazzjoni lill-Qorti x'inhuma dawn l-artikoli tal-liġi li jippreskrivu r-reat in kwistjoni. Imma din ma hiex sempliċi kwistjoni jekk tagħtiħomx jew le, din hija aktar importanti kif u fejn.

*Issa m'hux qed nifmhek Sir..*

Mela stabbilejna li allavolja l-liġi ma titlobhomx, ikun importanti li jkunu hemm. Issa importanti ħafna fejn ikunu. Fil-każijiet kollha ma għandniex nagħmlu l-artikoli tal-liġi parti mill-akkuża. Għandna dejjem nindikaw l-artikoli rilevanti, u dan għandna nagħmluh jew fuq jew isfelnett tal-komparixxi. B'hekk l-artikoli jkunu hemm sabiex jigwidaw u jgħinu lill-partijiet kollha, u ħalli nkunu ftit egoisti, l-ewwel li jkollu bżonnhom huwa l-uffiċjal prosekutur, biex ikun jaf fejn qiegħed, imbgħad ikollu bżonnhom l-avukat tad-difiża biex ikun jista' jagħmel id-doveri tiegħu sew u jiddefendi u jagħti parir sewwa lill-klijent, u finalment ikollu bżonnhom il-ġudikant sabiex skond il-liġi jagħrbel il-provi u jasal għal konkluzzjoni ġusta. Ngħidu kif inhi, huwa importanti li dawn ma jkunux formanti parti mill-akkuża wkoll biex f'każ li jkun sar xi żball id-difiża ma jkollhiex fuq x'hiex taqbad u ma inkunux kif kien jgħid b'sarkażmu il-mibki Mifsud Tommasi, l-akbar ħbieb tad-difiża..

*Mela Sir, ha nisma' minnek, u nagħmilhom, isfel jew fuqnett u bejnietna, ser ngħidha ma' sħabi li jagħmlu s-seduta. Grazzi sir tal-għajnuna.*

Xejn. Dak dover.




WE ARE LEAVING THIS SPACE EMPTY
AS IT LOOKS EXACTLY LIKE OUR POLAR WHITE!

GUARANTEE QUALITY BY TECHNISTONE

COME AND SEE THE EXPERIENCE RANGE OF TECHNISTONE COLOURS AT:

BOTTEGA del MARMISTA
LIMITED

BOTTEGA del MARMISTA Ltd
Durumblat Road, Mosta MST 13
Tel: 21 415387 Fax: 21 424413
Email: bdm@maltanet.net
www.bottegadelmarmista.eu




Matul dawn l-aħħar erbatax-il sena, il-Banda tal-Pulizija żammet kuntatt mill-qrib ħafna mal-Ministeru tal-Kultura u dak tat-Turizmu. Sa ftit ilu, dawn iż-żewġ Ministeri kienu nkorporati f'Ministeru wieħed iżda llum, il-Ministeru tal-Kultura ġie nkorporat ma' dak tal-Edukazzjoni. Il-Banda tal-Korp ta' spiss ikollha stediniet minn dawn iż-żewġ Ministeri sabiex tagħti s-sehem tagħha f'okkazzjonijiet ta' din ix-xorta.

# Il-Banda tal-Korp tal-Pulizija

**Spettur Anzjan Anthony Cassar - Surmast tal-Banda**

Filfatt, il-Banda tal-Pulizija, bil-permess ġentili tal-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur John Rizzo, tkun minn dejjem minn ta' quddiem sabiex tipparteċipa f'dawn l-attivitajiet.

Fost dawn id-diversi attivitajiet bla dubju ta' xejn insibu r-rappreżentazzjonijiet tant popolari tan-***Notte Bianca*** fil-Belt Valletta u tal-***Malta Military Tattoo*** li għall-ewwel bdiet issir fi Pjazza San Ġorġ il-Belt iżda mis-sena li għaddiet, bdiet issir taħt it-tinda tal-MFCC.

Filwaqt li n-*Notte Bianca* ilha ssir għal dawn l-aħħar tliet snin, il-*Malta Military Tattoo* ilha ssir għal dawn l-aħħar ħames snin – żewġ rappreżentazzjonijiet li minn dejjem ġibdu lejhom eluf ta' nies.

Il-Banda tagħna minn dejjem ħarġet bl-unuri u xejn anqas f'dawn l-attivitajiet li qed nirreferu għalihom. Dan għaliex is-sehem tal-Banda tal-Korp dejjem ikun immirat li jolqot il-gosti tal-massa tal-popolin. Mhux x'jogħġob lilna, iżda x'jogħġob lill-poplu. Barra t-triq mhux ġo xi tejatru fejn wieħed jagħżel mużika diretta lejn xi sezzjoni partikolari tas-soċjeta', iżda wieħed irid jara kif b'xi mod jew ieħor jolqot il-gosti ta' min ikun hemm preżenti – xi ħaġa li jidhirli li s'issa l-Banda dejjem irnexxielha tagħmel b'xi mod jew ieħor. B'hekk inkunu qegħdin naqdu l-missjoni li għandha l-Banda u ċioe' li l-banda għandha tkun il-pont bejn il-Korp u l-pubbliku inġenerali.

Kellna diversi kummenti sbieħ fir-rigward tal-għażla ta' mużika li l-Banda minn dejjem għażlet fil-programmi li hija esegwiet mhux biss minn nies lokali iżda anke minn dawk barranin. Fil-fatt mhux l-ewwel darba li ntlabna sabiex nagħtu xi mużika mill-arkivju vast li llum tipposjedi l-Banda tal-Pulizija lil xi Baned barranin li jkunu qed jipparteċipaw magħna u owjament ma jonqosx lanqas li imbagħad nakkwistaw għall-Banda tagħna xi mużika oħra mingħand dawn il-Baned sabiex ftit ftit inkomplu nkabbru r-ripertorju tagħna.

Fin-*Notte Bianca* ta' din is-sena il-Banda reġgħet kellha problema mhux ħażin sabiex b'xi mod tagħmel il-marċ tagħha minn Bieb il-Belt 'il ġewwa, bil-volum kbir ta' nies li daħlu u mlew Triq ir-Repubblika kif ukoll kull rokna tal-Belt nhar is-Sibt 4 t'Ottubru, 2008. Minkejja dan bl-għajnuna tal-Pulizija tal-Belt u ta' xi membri oħra tal-banda tagħna wasalna sa Misraħ San Ġwann. Hemmhekk il-Banda esegwiet programm ta' mużika leġġera li għalkemm ġie mtella' biss fi ftit jiem, mar tajjeb bħas-soltu u ġie apprezzat ħafna mill-folla ta' nies preżenti li ħonqot dan il-Misraħ.

Okkazzjoni bħal din tan-*Notte Bianca* ma tonqosx li tkompli tgħolli l-prestiġju u l-isem tal-Banda tagħna u owjament dak tal-Korp tal-Pulizija mhux biss mal-Poplu Malti iżda anke wkoll mad-diversi barranin li jkun hawn fostna. L-isforzi li jagħmlu l-membri tal-Banda fil-ftit żmien allokat *għar-rehearsals* tagħha, żgur li jissarrfu fis-suċċess mistħoqq f'kull programm li jkollha l-Banda.

Filfatt din is-sena l-Banda kellha tagħmel sforz akbar mis-soltu għaliex dritt wara n-*Notte Bianca* fil-ġimgħa ta' wara kellna l-ħames rappreżentazzjoni tal-*Malta Military Tattoo.* U jekk il-Belt kienet maħnuqa bin-nies fin-*Notte Bianca*, l-istess nistgħu ngħidu għaż-żewġ rappreżentazzjonijiet ta' dan il-*Military Tattoo.*

Fiż-żewġ rappreżentazzjonijiet tat-*Tattoo* ta' din is-sena, liema rappreżentazzjoni deherli li laħqu livell akbar minn dak tas-soltu, attendew il fuq minn għaxart elef ruħ. Quddiem din l-udjenza daqshekk numeruża l-Banda tagħna reġgħet qatgħet figura tajba fejn ma naqasx is-solitu spettaklu u sorpriża ta' l-





aħħar li l-Banda tagħna issa hija magħrufa għaliha.

Kellna diversi kliem ta' nkoraġġiment fuq il-media u wkoll minn nies oħra li attendew speċjalment minn dawk l-uħud li jafu kemm il-membri tal-Banda tagħna huma kapaċi jtellgħu spettaklu bħal dan fi ftit jiem biss, ovvjament minħabba l-esiġenzi tax-xogħol tagħna.

Flimkien mal-Banda din is-sena kellna wkoll is-sehem tal-*Massed Bagpipe unit* li ħa sehem fit-*Tattoo* kif ukoll is-sehem ta' team ta' żeffiena żgħażagħ professjonali mill-Estonja bl-isem ta' *Elite Club Piruett* u dan wara li huma stess urew ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw mal-Banda flimkien mal-kantanti mistiedna għal din is-sena, Chiara, Natasha u Charlene u Geordie De Bono.

Fl-aħħarnett is-sorpriza ħelwa li għalqet l-ispettaklu tal-Banda tagħna b'mużika popolari tal-mument li żgur tinżel għasel ma' dawk preżenti u bil-parteċipazzjoni wkoll tal-mascot tal-Banda iċ-ċkejken Gabriel Omar Cassar.

Permezz tal-*Malta Military Tattoo* din is-sena erġajna għamilna aktar konoxxenzi u ħbiberija mal-Baned barranin li ħadu sehem magħna din is-sena fosthom il-Welsh Guards ACF Band u l-Banda tal-Air Force Spanjola.

Din il-ħbiberija żgur li mhux se tkun ta' xejn għaliex għas-sena d-dieħla żgur li se nkomplu nkabbru r-ripertorju tal-Banda tagħna. U bilħaqq, aħjar nibdew naħsbu għas-sena d-dieħla għaliex minbarra li l-Korp tal-Pulizija sejjer jiċċelebra l-195 Anniversarju tiegħu, il-Banda sejra tiċċelebra d-disgħin sena minn mindu ġiet imwaqqfa għall-ewwel darba fl-1919.

Nawguraw lill-Banda tagħna aktar titjib u aktar suċċessi fil-futur.

DOMINE DIRIGE NOS.




RoadWise assigurazzjoni għall-vettura

Jekk għandek aktar minn tletin sena u għadek ma għamiltx "claim" għal dawn l-aħħar erba' snin, ċemplilna sabiex tibbenefika mill-polza tal-assigurazzjoni Roadwise.

ċempel fuq freephone **8007 2322** · żur is-sit www.Citadeldirect.com

Citadel insurance

Citadel Insurance p.l.c. · Casa Borgo · 26 Triq is-Suq · Furjana FRN 1082 · Tel: 2557 9000 · E-mail: info@citadelplc.com
Fergħat: Gżira · Ħaż-Żebbuġ · Naxxar · Raħal Ġdid · Intermedjarji fl-Assigurazzjoni Marbuta: Malta · Għawdex

Citadel Insurance p.l.c. hija kumpannija awtorizzata sabiex tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni ġenerali u fit-tul u hija regolata mill-Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.



Kien eżattement l-1 ta' Ottubru 1988 meta 24 membru regolari tal-Korp tal-Pulizija kienu taw l-ewwel esebizzjoni tagħhom ta' *Silent Drill* ġewwa Misraħ San Ġorġ fil-Belt Valletta taħt it-tmexxija tal-mibki Spettur Harold W. Harrison.

# 20 Anniversarju tal-Precision Drill Team tal-Korp tal-Pulizija 1988 – 2008

Spettur Stephen Mallia - Kmandant tat-Tim.

**Kien jum li żgur ma jintesa' qatt għalina lkoll li 20 sena ilu konna l-membri li ffurmajna dan it-Tim. Minn dakinhar kien hemm fostna li min għal raġuni u min għal oħra, ma baqax jagħti sehemu f'din l-iskwadra.**

Hemm min fostna li laħaq karigi pjuttost għoljin u oħrajn rankijiet oħra fi ħdan il-Korp. Kien hemm diversi oħrajn li rtiraw bis-servizz, filwaqt li oħrajn deherilhom li jitilqu mill-Korp u jsibu xogħol ieħor. Kien hemm xi wħud li b'dispjaċir kbir ħallew din id-dinja għax il-Mulej għoġbu jsejħilhom. Dawn jibqgħu fil-memorji tagħna u f'qalbna għal dejjem.

Kien żmien li lkoll kemm aħna li konna fit-tim dak iż-żmien, żgur ma ninsew qatt, u dan qed ngħidu għax bħala wieħed minn dawn il-membri nħoss dik il-ħaġa speċjali kull meta niltaqa' u nġedded il-memorji ma' xi ħadd minn sħabi l-antiki li kienu miegħi f'dan it-tim. Kien ikollna xhur ta' taħriġ intensiv fi sħana tizreġ u b'impenn liema bħalu taħt dixxiplina kbira, izda b'orgolju li ftit membri kellhom l-opportunita' li jesperjenzaw. Bil-*motto* tat-tim stabbilit sa mill-ewwel jum tiegħu bħala dak ta '*Ritmu, Eleganza, u Preċizjoni*', konna nissieltu kemm nifilħu biex minbarra li nipprattikaw il-manuvri tagħna, inġibu dik is-sinkronizzazzjoni u perfezzjoni meħtieġa biex tpaxxi l-għajn. Kien il-bidu ta' dak li mas-snin kellu jiżviluppa f'wieħed mill-aktar *Units* ta' Pulizija speċjalizzati, mhux biss f'pajjiżna izda wkoll fuq skala internazzjonali, rinomati għall-wirjiet straordinarji li jafu jagħtu lil kull min ikun qed isegwihom. Membri li b'wiċċi minn quddiem ngħid li b'sagrifiċċji kbar jagħmlu l-almu tagħhom biex jgħollu l-isem tal-Korp u ta' pajjiżhom.

B'sodisfazzjon ngħid li għalkemm għaddew dawn is-snin kollha, it-talbiet minn entitajiet diversi għall-esebizzjonijiet minn dan it-tim għadhom frekwenti u l-esebizzjonijiet jiġu apprezzati u milqugħa bħal dejjem.

Kienu 20 sena li matulhom id-*Drill Team* għadda minn diversi tibdiliet u żviluppi, ibda minn numru kbir ta' membri li ffurmawh, fosthom xi membri feminili, li matul dawn l-20 sena ffurmaw parti minn dan it-tim meqjus mill-aqwa f'dawn it-tip ta' wirjiet, kif anke ġiegħli kkumentaw spettaturi barranin li segwewna, sa diversi uniformijiet li żżanżnu matul is-snin.

Kienu snin li matulhom isem il-Korp tpoġġa

Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS




**This Festive Season only we offer you the widest choice at the best prices!**

Super Xmas Offer!



4 free 1.5ltr bottles of *Coca Cola* and 1 free case of *Kristal Water* plus a fantastic panettone hamper when spending €100

Just arrived, a vast selection of English and French speciality cheeses, perfect for your Christmas parties!

**The Mall, Park Towers, St. Julians** TEL: 2137 8520 · **Psaila Street, Santa Venera** TEL: 2148 0807

2008 CHRISTMAS SHOPPING HOURS — Normal Opening Hours: 7.30am - 7.30pm

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Mon. Dec. 8 | 7.30am - 7.30pm | Sun. Dec. 14 | 9.00am - 4.00pm | Wed. Dec. 24 | 7.30am - 6.00pm |
| Sat. Dec. 13 | 7.30am - 7.30pm | Sun. Dec. 21 | 9.00am - 6.00pm | Wed. Dec. 31 | 7.30am - 6.00pm |




fl-għola kategorija ta' serjeta' u dixxiplina bil-mijiet ta' wirjiet li saru kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna meta fis-sena 1998, it-tim ipparteċipa b'suċċess f'wirjiet ġewwa l-Olanda waqt iċ-ċelebrazzjonijiet kbar li kienu saru f'għeluq is-750 anniversarju mit-twaqqif tal-belt internazzjonali ta' *The Hague*.

Ma nistax għalhekk ma nsellimx minn qalbi lil kull min ta sehemu f'din l-iskwadra f'xi żmien jew ieħor, kemm jekk għadu fil-Korp u kemm jekk m'għadux, u li minħabba raġunijiet ta' spazju ma nistax insemmihom kollha, u wisq nibża' li nħalli lil xi ħadd barra għax in-numru ta' dawn il-membri mhux wieħed żgħir.

B'mod speċjali nixtieq insellem liż-żewġ kmandanti ta' qabli, lill-mibki eks-Spettur H.W. Harrison li ħalla din id-dinja, u lill-eks-Spettur Carmel Curmi li minn warajh ħadt il-kmand tat-tim jien fis-sena 1997 meta hu kien irtira mill-Korp bis-servizz.

F'din l-okkazjoni tal-anniversarju tagħna ma nistax ma nsemmix lill-pijunieri ta' dan it-tim li 20 sena ilu ħarġu b'din l-idea li tingħaqad din l-iskwadra, b'mod speċjali lis-Supretendent Pierre Calleja, li naf kemm bl-entuzjażmu u ideat tiegħu kien strumentali biex din il-ħolma setgħet issir realta'. Fil-fatt kien fi żmien li l-Korp kien taħt il-kmand ta' missieru, l-mibki eks-Kummissarju Alfred Calleja, li nagħtat l-approvazzjoni biex jibdew isiru dawn il-wirjiet, liema deċiżjoni sussegwentament baqgħet tkun rispettata miż-żewġ Kummissarji ta' warajh; is-Sur George Grech u s-Sur John Rizzo, li minn hawn ukoll b'rispett kbir nirringrazzjahom tal-impenn tagħhom lejn it-tim u nsellmilhom.

Minn dakinhar li kont ġejt imsejjaħ biex nattendi għall-ewwel *briefing* dwar l-idea li jingħaqad dan it-tim lura fis-sena 1988, u immedjatament fil-jiem ta' wara għall-ewwel sessjonijiet ta' taħriġ li bdew ġewwa s-sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali fil-Furjana (is-sala kienet għada mhux restawrata) u wara fl-Akkademja tal-Pulizija fil-Forti Sant Iermu, jien qatt ma ħarist lura, biex minn Kuntistabbli bi ftit żmien ta' servizz, illum għandi l-unur kbir li ninsab fil-kariga li mmexxi lil dan it-tim speċjalizzat.

**Parteċipazzjonijiet tat-Tim f'diversi wirjiet matul 2008**

Għalhekk ma setax jonqos li waqt li qed jiċċelebra l-20 anniversarju mit-twaqqif tiegħu, il-*Precision Drill Team*, jipparteċipa b'wirjiet brillanti ta' *Ritmu, Eleganza u Preċizjoni* f'diversi esebizzjonijiet madwar Malta u Għawdex. Wara s-sehem tiegħu f'diversi lokalitajiet matul il-ġimgħa ddedikata lill-Pulizija f'Lulju 2008, it-tim kien mistieden jagħti wirja fil-pjazza tal-Katidral tal-Mdina waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-FISEC Games li għaliha attendiet udjenza numeruza magħmula minn parteċipanti sportivi minn diversi pajjiżi barranin.

Fl-istess xahar ta' Lulju, it-Tim ta esebizzjoni ġewwa Misraħ San Ġorġ fil-Belt Valletta fl'hekk imsejjaħ *Street Alive Festival* organizzat mill-MTA, u matul x-xahar ta' Ottubru 2008 kien mistieden jieħu sehem fin-*Notte Bianca* f'Misraħ Kastilja fil-Belt Valletta.

Ma setax jonqos li għal darb'oħra it-Tim jagħti diversi wirjiet fil-ħames edizzjoni tal-*Malta Military Tattoo* li sar bejn il-11 u t-12 ta' Ottubru 2008 fit-tinda tal-MFCC ġewwa Ta' Qali. Għal darb'oħra din l-edizzjoni kienet waħda ta' suċċess b'parteċipazzjoni ta' talent militari u kulturali, kemm lokali u kemm barrani tal-aqwa kwalita' li paxxew lill-eluf li attendew bi ħġarhom għal din l-attivita' nazzjonali.

Nixtieq hawn ngħid prosit lil membri kollha li jiffurmaw parti mid-*Drill Team* preżenti li bħal dejjem reġgħu qamu għall-okkazjoni u taw esebizzjonijiet ta' *drill* sinkronizzat mill-aqwa fost iċ-ċapċip u approvazzjoni tal-udjenzi numeruzi li segwewna. Ta' min isemmi li għal din l-edizzjoni tal-*Military Tattoo* t-tim esegwixxa xi manuvri ġodda. Dawn il-manuvri bħas-soltu jinvolvu ċertu riskju peress li mhux faċli li wieħed jesegwihom minħabba t-toqol tal-azzarin *Lee Enfield* u anke peress







## Air conditioning

High levels of comfort and energy-efficiency characterize our Daikin comfort systems. All year round, our innovative and state-of-the-art systems provide maximum comfort while optimizing your energy bill. Easy control systems give you comfortable and healthy warmth when it's cold outside and refreshing coolness when it's hot. Our units equipped with air purification, humidification and ventilation offer you the ultimate comfort.

*CONTACT US OR VISIT WWW.DAIKIN.COM.MT*

DAIKIN

medairco® EST. 1969

**Sole Agent & Distributor of Daikin Air Conditioning Equipment for the Maltese Islands**

Medairco Ltd. 55, Racecourse Street, Marsa MRS 2919, Malta Tel: (+356) 21 220715, 21 232068, 21 232077, 21 233023 Fax: (+356) 21 221351



li l-manuvri kollha jsiru bil-bajunetta mwaħla. Kelma ta' inkoraġġiment tmur għall-membri l-ġodda tat-tim li ngħaqdu magħna din is-sena, filwaqt li nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lil dawk il-membri stabbiliti li ħadu ħafna paċenzja waqt it-taħriġ biex il-membri l-ġodda setgħu jiffurmaw parti mill-kumplament tat-Tim f'temp relattivament qasir.

Għalhekk, f'din l-okkazjoni nixtieq nesprimi s-sigriet li jien dejjem ħassejt li kien indispensabbli biex il-Korp tal-Pulizija matul dawn is-snin kollha kellu grupp ta' membri miġbura flimkien fi skwadra b'daqshekk suċċessi warajha. Dejjem ħassejt li dan kollu hu grazzi għall-għaqda li minn dejjem eżistiet bejn il-membri f'dan it-Tim li jħossuhom parti minn grupp ħaj b'idejat differenti iżda bi skop wieħed; dak li jagħmlu unur lill-Korp u lill-pajjiżhom.

Hi din l-għaqda bejn il-membri kollha li jkolli fit-Tim, xi ħaġa li jien nemfasizza fuqha kontinwament, li lili ttini s-sodisfazzjon li ma nċedix quddiem id-diffikultajiet li naturalment jinqalaw minn żmien għal żmien, u timlini b'aktar kuraġġ u entużjażmu biex inkompli mexxi lil dan il-grupp ta' Pulizija dedikati.

Fl-aħħar ngħalaq dawn il-kelmtejn billi nsellem lil kull membru li f'xi żmien matul dawn l-20 sena li għaddew, onorana bil-parteċipazzjoni tiegħu fil-*Precision Drill Team*. Lil dawn l-eks-membri nawguralhom omor twil u mimli saħħa u nappellalhom biex iżommu ħajjin f'qalbhom dawk il-memorji sbieħ li għandhom ta' meta b'unur kienu jiffurmaw parti minn din l-iskwadra tad-*Drill*, filwaqt li nawgura lit-Tim aktar esebizzjonijiet u snin ta' suċċess ħalli isem il-Korp jibqa' jkun imsebbaħ kif jixraqlu permezz ta' din il-vetrina ħajja.



MALTA POLICE ASSOCIATION

21 ta' Lulju 2008

**Stqarrija ghall-istampa**

L-Assocjazzjoni tixtieq tesprimi s-sodisfazzjoni taghha u tixtieq pubblikament tirringrazzja lil-membri kollha taghha ghax-xoghol denju li wettqu, partikolarment ghax-xoghol li ghamlu waqt l-azzjonijiet li gew imsejha mill-Federazzjoni Trasport Pubbliku, li sehh bejn nhar it-Tnejn 14 u l-Hamis 17 ta' Lulju 2008.

Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw lil dawk kollha li wrew apprezzament u sodisfazzjon ghax-xoghol li l-membri taghna wettqu fi hdan il-Korp tal-Pulizija matul dan il-perjodu hawn fuq imsemmi sabiex jzommu l-ordni pubbliku kif mitlub minnhom f'certi cirkostanzi xejn pjacevoli.

Dan sar b'hafna sagrificcju, imma il-membri taghna kienu determinati, li bhal kull sfida ohra jerfghu ir-responsabbilta' taghhom.

Napprezzaw hafna l-messaggi li waslu fil-konfront tal-membri taghna fil-qadi ta' dmirijiethom, kemm mill-Gvern, u minn kull settur iehor li ghandu ghal qalbu l-bon ordni.

L-Assocjazzjoni giet wkoll indirettament affetwata fil-hidma taghha. Gew ikkancellati diversi laqghat, fosthom mal-Ministru tal-Gustizzja u Intern, kif ukoll, mal-Kummissarju tal-Pulizija. Laqgha ohra li ma setghatx issehh, peress li l-ufficjali ta' l-Assocjazzjoni tal-Pulizija huma wkoll membri fil-Korp, li

**Malta Police Association**, Xatt il-Faham, Marsa Tel/Fax: 21232892
Url : www.mpa.org.mt E-mai : mpa@onvol.net

MALTA POLICE ASSOCIATION

minhabba dawn ic-cirkostanzi, l-ewwel u qabel kollox jigi l-interess tal-pubbliku Malti, kienet laqgha tal-Bord tal-Pulizija ghan-Negozjar (Police Negotiating Board), f'liema laqgha kienu se jattendu l-Arbitri indipendenti li gew mahtura mill-Prim Ministru, wara li ma kienx registrat qbil dwar talbiet li ghamlet l-Assocjazzjoni lill-Gvern ghat-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-membri tal-Korp.

Peress li t-tahdidiet fil-PNB ilhom sejrin sa mis-sena 2004, u li issa marru quddiem il-Bord ta' l-Aribitragg, nitolbu li minghajr telf ta zmien jigu konkluzi mill-aktar fis possibbli.

Pubblikament nixtiequ nirringrazzjaw lil-membri tal-familji taghna, li wkoll bhalna hassew it-toqol ta' dawn ic-cirkostanzi.

Kumitat Ezekuttiv

MPA 21.07.08.

